# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 9 ta' Lulju, 2025

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 168/2020 ISB**

**L-Avukat Dottor Jotham Scerri-Diacono K.I. 17970M bħala mandatarju speċjali f'isem u għan-nom tas-soċjeta' estera *Navigazione Montanari Spa* ta' Via Ceccarini 36, 6132, Fano (PU), l-Italja.**

**vs**

**M/V "<u>ELAURA</u>" IMO numru: 9176591**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Ġuramentat** ta' **Dottor Jotham Scerri-Diacono noe** tal-25 ta' Frar 2020 u li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi fit-3 ta' Novembru 2018 il-bastiment konvenut habat fil-bastiment Vallesina 'negligenza, traskuragni, imperizija da parti tal-basitment konvenut u ikkaguna hsara lill-istess bastiment; u*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fdan jew b'rizultanza ta' l-incident permezz, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi; u*

3. *Tikkundanna il-basitment konvenut jhalles lill-attur nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-istess Qorti skond it-talba precedenti.*

U dan wara illi ppremetta:

1. *Illi fit-3 ta' Novembru 2018 sehhet kollizzjoni fl-ibhra territorjali maltin bejn il-bastiment konvenut u l-bastiment "VALLESINA" (IMO No.9417311) illi dak iz-zmien kien proprjeta' tas-socjeta' attrici kif ahjar deskritt fl-ittra ufficjali datata 30 ta' Novembru 2018 mibghuta lill-bastiment intimat mis-socjeta' rikorrenti u fl-annessa sea protest illi kopji taghhom qed jigu hawn annessi u markatai bhala 'DOK A' u 'DOK B';*

2. *Illi konsegwnza ta' tali kollizzioni, s-socjeta' soffriet danni konsistenti fl-ispejjez deskritti fil-prospett hawn anness u markata bhala 'DOK C'. Id-danni jikkonsistu inter alia fi spejjez li baghatit is-socjeta' attrici sabiex issewwi l-hsara fil-bastiment Vallesina illi giet kkawzata minhabba tali kollizzjoni;*

3. *Illi ghall-kollizzjoni hawn fuq imsemmija ghandu tort shieh u unikament il-bastiment intimat stante li tali kollizzjoni sehhet minhabba negligenza, traskuragni u/jew imperizja da parti tal-bastiment konvenut - u dan skond it-relazzjoni tal-perit ex parte imqabbad da parti ta' l-attur nomine hawn anness u markat bhala 'DOK D;*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur (fol 6 sa fol 43).

Rat id-digriet tagħha, kif diversament preseduta, tas-27 ta’ Frar 2020 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għall-21 ta’ April 2020, fid-9:15 a.m.

Rat ir-**risposta ġuramentata** tal-**Kaptan tal-Bastiment MV Elaura** tat-3 ta’ Ġunju 2020 (fol 74), bid-dokumenti hemm annessi, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament, is-soċjeta’ attriċi trid tipprova l-interess ġuridiku tagħha fil-kawża odjerna in vista tal-fatt li hekk kif stqarret hija stess fir-rikors ġuramentat tagħha, hija m’għadiex il-proprjetarja tal-bastiment MV VALLESINA (IMO No. 9417311);*

2. *Illi fil-mertu, is-socjeta’ attrici jehtiegilha tipprova mhux biss ir-responsabbilita’ tal-bastiment konvenut izda wkoll li, kif qed jigi allegat, il-bastiment konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza;*

3. *Illi wkoll fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit, il-bastiment konvenut jichad kategorikament illi huwa kkawza xi hsarat lill-bastiment "MV VALLESINA" u ghalhekk isostni li mhuwiex responsabbli ghad-danni. Ghaldaqstant, kwalunkwe' danni allegati huma kontestati u jehtieg illi jigu ippruvati;*
4. *Salv eccezzjonijiet ohra permessibbli mil-ligi.*

Rat il-**Kontro-talba ġuramentata tal-Kaptan tal-Bastiment MV Elaura** intavolata fl-istess waqt (fol 92), li permezz tagħha talab lil din il-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kolliżjoni li seħħet fit-3 ta' Novembru 2018 seħħet minħabba negliġenza, traskuraġni u imperizja da parti tal-bastiment MV VALLESINA li fiż-żmien tal-kolliżjoni kien proprjeta' tas-soċjeta' rikonvenzjonata;*
2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-bastiment rikonvenzjonant f'dan jew b'riżultanza tal-inċident msemmi, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi; u*
3. *Tikkundanna is-soċjeta rikonvenzjonata bħala proprjetarja' tal-bastiment MV VALLESINA meta sehhet il-kollizjoni in kwistjoni tħallas lill-bastiment rikonvenzjonant dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-istess Qorti skont it-talba preċedenti;*

U dana wara li ppermetta:

1. *Illi fit-3 ta' Novembru 2018 seħħet kolliżjoni fl-ibħra territorjali Maltin bejn il-Bastiment rikonvenzjonant MV ELAURA u l-bastiment MV VALLESINA li dak in-nhar li seħħ l-aċċident kien proprjeta' tas-soċjeta' rikonvenzjonata u dan kif aħjar deskritt fil-Letter of Protest u Statement of Facts annessi u immarkati bħala 'DOK A ' u 'DOK B';*
2. *Illi minħabba din il-kolliżjoni, il-basiment rikonvenzjonant soffra danni sostanzjali hekk kif jidher spjegat fid-dettall fid-dokument anness u immarkat bħala 'DOK C' u l-ispejjez jikkonsistu f'dawk l-ispejjez spjegati fid-dokument anness u immarkat bħala 'DOK D'. Dawn id-danni jikkonsistu inter alia fi spejjeż li soffra l-bastiment rikonvenzjonant sabiex isewwi l-ħsara konsegwenza tal-kolliżjoni;*
3. *Illi l-kolliżjoni fuq imsemmija seħħet tort tal-bastiment MV VALLESINA li kien proprjeta' tas-soċjeta' rikonvenzjonata meta seħħet il-kolliżjoni minħabba negliġenza, traskuraġni u/jew imperizja da parti tal-istess bastiment.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mal-kontro-talba (fol 97 sa fol 109).

Rat ir-risposta tal-attur rikonvenzjonat tal-1 ta' Lulju 2020 (fol 111), b'dokumenti hemm annessi, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi, preliminarjament, l-azzjoni ta rikonvenzioni fil-ligi nostrana proceduralment titlob necessarjament l-inkluzjoni ta' eccezzioni fejn l-konvenut jipproponi r-rikonvenzjoni fir-risposta guramentata, u cioe jispetta lir-rikorrenti illi jressaq il-kontro-talba wara l-eccezzionijiet ghat-talba originali kif mehtieg bil-ligi, haga li ma saritx fil-kawza odjerna liema nuqqas mhuwiex sanabbli u kwindi jikkomporta n-nullità tal-azzjoni odjerna;*

2. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bastiment MV ELAURA jrid igib prova tal-allegat ir-responsabbilita tas-socjeta' rikonvenzjonata ghal kollizzioni li sehhet fl-ibhra territorjali Maltin bejn l-bastiment MV VALLESINA, li dak iz-zmien kien proprjeta tas-socjeta' rikonvenzionata, u il-bastiment MV ELAURA, liema kollizzjoni hija deskritta f'sea protest tal-kaptan tal-MV VALLESINA hawn anness u mmarkat bhala 'DOK A';*

4. *Illi is-socjeta' rikonvenzjonata tichad kategorikament li t-tort tal-imsemmija kollizzioni huwa taghha u li hija kkawzat xi hsarat jew danni lill-bastiment MV ELAURA hekk kif qed jigi allegat mil-bastiment u b'hekk tichad kategorikament kwalunkwe responsabbilta' ghad-danni allegati sofferti;*

5. *Illi ghal msemmija kollizzjoni ghandu tort shieh ghalih u unikament il-bastiment MV ELAURA stante li tali kollizzjoni sehhet minhabba negligenza, traskuragni u/jew imperizja da parti tal-bastiment rikonvenzionant u dan skond ir-relazzioni tal-perit ex parte imgabbad da parti is socjeta rikonvenzonata hawn anness u mmarkat bhala 'DOK B'; 5. Illi konsegwnza ta tali kollizzjoni, s-socjeta' rikonvenzjonata soffriet danni konsistenti fl-ispejjez deskritti fil-prospett hawn anness u markata bhala 'DOK C', li jikkonsistu inter alia, fi speijez li soffriet is-socjeta' rikonvenzionata sabiex issewwi l-hsarat fil-bastiment VALLESINA b'konsegwenza ghal tali kollizzjoni liema danni huma mertu tal-kawza mressqa mis socjeta' esponenti rikonvenzjonata;*

***Ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti rikonvenzonata tecepixxi bir-rispett:***

1. *Illi t-talba rikonvenzjonanta hija irrita u nulla in kwantu li l-azzioni ta' rikonvenzjoni fil-ligi nostrana proceduralment titlob necessarjament l-inkluzjoni eccezzioni fejn l-konvenut jipproponi r-rikonvenzjoni guramentata, u tali talba kellha titressaq fir-risposta guramentata;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost sussidjarjament, it-talbiet rikonvenzjonali tal-bastimentM/V Elaura ghandhom jigu michuda bl-*

*ispejjez kontrih ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u bbazati fuq permessi ghal kollox zbaljati kif eccepit hawn fuq u kif sejjer jigi ampjament ippruvat.*

3. *Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.*

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Settembru 2020, il-Qorti qieset li għandhom jiġu tratti l-eċċezzjonijiet dwar l-interess ġuridiku tas-soċjeta' attriċi.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2021, l-attur noe ppreżenta nota (fol 192) b'żewġ dokumenti (fol 193 sa fol 195) bħala provi fir-rigward tal-eċċezzjoni dwar l-interess ġurdiku tas-soċjeta' attriċi.

Rat in-nota tal-bastiment konvenut tal-5 ta' Frar 2021 (fol 196) u li permezz tagħha irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Ġunju 2021, l-attur noe ppreżenta nota (fol 200) b'seba' dokumenti (Dok JDB 1 sa Dok JDB8, fol 201 sa fol 207). Rat ukoll illi xehed bil-ġurament il-**Kaptan Joe Gabriele** prodott mill-attur noe u ppreżenta seba' *sketches* li għamel referenza għalihom fix-xhieda tiegħu (Dok JG, fol 221 sa fol 221F).

Rat in-nota tal-attur noe tal-14 ta' Ottubru 2021 (fol 224) u li permezz tagħha ppreżenta tliet (3) dokumenti (Dok F sa Dok H, fol 225 sa fol 232).

Rat illi fl-udjenza tal-14 t'Ottubru 2021 l-attur noe **Dr Jotham Scerri Diacono** ppreżenta nota b'dikjarazzjonijiet solenni ta' Girolamo Castiglione (Kaptan tal-Bastiment Vallesina), Bhupendra Singh Rawat, (membru tal-ekwipaġġ tal-vapur Vallesina) u Deependra Singh (membru tal-ekwipaġġ tal-vapur Vallesina).

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Diċembru 2021, l-attur noe ppreżenta nota (fol 235) b'disa' dokumenti (Dok I sa Dok Q, fol 237 sa fol 329).

Rat illi fl-udjenza tas-6 t'April 2022, xehed **Mario Grbic.** Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-attur noe. li ma kellux aktar provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Ġunju 2022, il-konvenut ppreżenta nota (fol 361) b'rapport tal-Kaptan Mario Grech (fol 362 sa fol 365).

Rat illi fl-udjenza tas-26 t'Ottubru 2022, il-konvenut ippreżenta nota (fol 367) b'affidavit tal-**Kaptan Mario Grech** b'dokumenti annessi (fol 368 sa fol 427). Rat ukoll illi xehed il-**Kaptan Joe Gabriele** in kontro-eżami.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2023, xehed il-**Kaptan Mario Grech** in kontro-eżami.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Mejju 2023, xehdu in kontro-eżami **Deependra Singha, Francis Reilley** u **Mario Grbic**.

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2023, xehed il-**Kaptan Girolamo Castilgione** u xehed in kontro-eżami **Bhupendra Singh Rawat**.

Rat in-nota tal-konvenut tal-5 ta' Jannar 2024 (fol 474) li permezz tagħha ppreżenta affidavit ta' **Volodymyr Levytsky** u ta' **Eric Grima** (fol 475 sa fol 477).

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2024, id-difensur tal-konvenut iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduċi. Rat ukoll illi l-Qorti ħatret lill-Assistent Ġudizzjarju Dr Anna Mifsud Bonnici sabiex tisma' l-kontro-eżamijiet tal-aħħar żewġ xhieda.

Rat in-nota tal-Assistent Ġudizzjarju tat-30 t'April 2024 (fol 482) li permezz tagħha ppreżentat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' **Volodymr Levytsky**.

Rat in-nota tal-Assistent Ġudizzjarju tat-23 ta' Mejju 2024 (fol 485) li permezz tagħha ppreżentat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' **Eric Grima**.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2025, il-Qorti iddikjarat il-provi tal-partijiet magħluqa.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali estensivi tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' April 2025, wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, il-Qorti ħalliet il-kawża għal lum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **<u>fatti</u>**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mill-attur noe sabiex il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li fit-3 ta' Novembru 2018, il-bastiment konvenut ħabat fil-bastiment Vallesina b'negliġenza, traskuraġni, imperizija da parti tal-bastiment konvenut u kkaġuna ħsara lill-istess bastiment u konsegwentament tillikwida d-danni u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-istess. Jirriżulta ukoll illi mar-risposta ġuramentata tiegħu, il-bastiment konvenut Elaura ressaq kontro-talba simili għat-talba promotura.

Jispjega r-rikorrenti noe illi fit-3 ta' Novembru 2018 seħħet kolliżżjoni fl-ibħra territorjali Maltin bejn il-bastiment konvenut "Elaura" u l-bastiment 'Vallesina' illi dak iż-żmien kien propjeta' tas-soċjeta' attriċi. Isostni li b'konsegwenza ta' tali kolliżżjoni, is-soċjeta' attriċi soffriet danni biex issewwi l-ħsara fil-bastiment "Vallesina" illi ġiet ikkawżata minħabba l-kolliżjoni, li tikkontendi li hija t-tort sħiħ u uniku tal-bastiment konvenut "Elaura" minħabba negliġenza, traskuraġni u/jew imperizja tal-istess bastiment konvenut.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Il-bastiment konvenut “Elaura” da parti tiegħu jsostni li s-soċjeta’ attriċi jeħtieġilha tipprova mhux biss ir-responsabbilita’ tal-bastiment konvenut iżda wkoll li l-bastiment konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża. Jiċħad illi huwa kkawża xi ħsarat lill-bastiment “Vallesina” u jgħid li kwalunkwe danni allegati huma kkontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati.

Fil-**kontro-talba** tiegħu mbagħad, jgħid li fl-inċident tat-3 ta’ Novembru 2018 kien il-bastiment “Elaura” li sofra danni sostanzjali, konsegwenza tal-kolliżjoni li seħħet tort tal-bastiment “Vallesina” li kien propjeta’ tas-soċjeta’ rikonvenzjonata, u dan minħabba negliġenza, traskuraġni u/jew imperizja da parta tal-istess bastiment “Vallesina”.

### Ikkundirat ulterjorment:

Illi fir-risposta tiegħu għal kontro-talba, l-attur noe rikonvenzjonat jeċċepixi preliminarjament illi l-azzjoni ta’ rikonvenzjoni titlob proċeduralment l-inklużjoni ta’ eċċezzjoni fejn il-konvenut jipproponi r-rikonvenzjoni fir-risposta ġuramentata, ħaġa li ma saritx u għalhekk jeċċepixi n-nullita’ tal-azzjoni.

Fil-mertu, jgħid li l-konvenut/rikonvenzjonant jeħtieġ jipprova mhux biss ir-responsabbilita’ tal-bastiment “Vallessina” iżda wkoll li l-bastiment “Vallessina” kien unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża. Jiċħad illi huwa kkawża xi ħsarat lill-bastiment “Elaura” u jgħid li kwalunkwe danni allegati huma kkontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti fatti:

### Il-Provi Dokumentarji

**<u>L-attur noe.</u>** ppreżenta s-segwenti dokumenti:

Dok A: Kopja informali ta’ Ittra Uffiċjali Ref 683/18 datat 30 ta’ Novembru 2018

Dok B: Kopja ta’ Sea Protest data 3 ta’ Novembru 2018

Dok C: Prospett tal-ispejjeż tal-ħsarat li jammontaw għal total ta’ mija u disgħa u disgħin elf, tmien mija u tnejn u sittin Ewro u tliet ċenteżmi (€199,862.03)

Dok D: Kopja tar-Rapport tal-Kapt. Joe Gabriele data 4 ta’ Diċembru 2019

Dok E: Kopja tas-*survey report* ta’ Vassallo Associated data 29 ta’ Novembru 2018

Dok F: Transcript tar-reġistru tal-bastiment "Vallesina" tal-31 ta' Jannar 2019

Dok G: Ċertifikat ta' kanċellament tar-Reġistru tal-Bastiment "Vallesina" tas-6 ta' Frar 2019

Dok JDB1 sa Dok JDB 7: Dijagrammi skematiċi tal-avvenimenti li wasslu għall-kolliżjoni

Dok JDB 8: USB drive tal-vidjo b'simulazzjoni tal-kolliżjoni

Dok K: Kopja awtentika tal-oriġinal *Time Charter Party Agreement* bid-data 19 ta' Settembru 2018

Dok L: Kopja awtentika tal-*credit note* maħruġ minn Navigazione Montanari flimkien mal-korrispondenza in sostenn mal-ispejjeż fir-rigward il-*Off Hire* taħt il-*Charter Party Agreement*

Dok M: Prospett tal-ispejjeż għat-tiswijiet tal-ħsara lill-bastiment "Vallesina"

Dok N: Il-fatturi kollha imsemmija fil-prospett

Dok O: Kopja awtentika taċ-*Certificate of Conformity*

Dok P: Kopja awtentika taċ-*Certificate Reference and Traceability*

Dok Q: Kopja awtentika tal-*Break Test Report* tal-15 t'Ottubru 2018

**<u>Il-bastiment konvenut "Elaura"</u>** ippreżenta s-segwenti dokumenti:

Dok A: Kopja tal-Letter of Protest mħejjija mill-Kaptan tal-bastiment "Elaura"

Dok B: Kopja tal-i*statement of facts* mħejji mill-Kaptan tal-bastiment "Elaura"

Dok C: Rapport dwar id-danni sofferti mil-Bastiment "Elaura" ppreparat minn Eric Grima ta' Gaulos Shipping Co Ltd

Dok D: Spejjeż ta' tiswija li jammontaw għal wieħed u sebgħin elf, sitt mija u ħamsa u tletin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€71,635.61)

Dokument a fol 362: Rapport tal-Kaptan Mario Grech

**Xhieda**

Fix-xhieda tiegħu, <u>prodott mill-attur noe</u>, il-**Kaptan Joe Gabriele** jgħid li hu kaptan, master mariner, siefer għal iktar minn erbgħa u għoxrin sena fuq vapuri mad-dinja kollha inkluż kmand fuq vapuri żgħar u vapuri kbar ħafna. Jispjega li dan l-aħħar qiegħed jagħmel xogħol ta' *shore management* ta' flotta ta' vapuri u ilu għal dawn l-aħħar seba' snin jaħdem bħala konsulent marittimu għall-klijenti privati u qrati, fost oħrajn.

Jikkonferma li r-rapporti ppreżentati mar-rikors promotur datati 4 ta' Diċembru 2019 u 29 ta' Novembru 2018 ġew redatti minnu. Jispjega li hu ġie appuntat mis-soċjeta' Vassallo & Associates bħala rappreżentant tal-*insurers* tal-vapur "Vallesina" sabiex jara x'ġara fl-inċident tat-3 ta' Novembru 2018. Jgħid li hu tela' fuq il-vapur tlett ijiem wara li seħħ l-inċident sabiex spezzjona l-vapur meta dan daħal għat-tiswija u reġa' ċċertifika l-vapur wara li saret it-tiswija. Jgħid li sussegwentament ġie mqabbad minn Ganado Advocates biex jassisti lil vapur "Vallesina" u b'hekk ħejja t-tieni rapport fejn analizza iktar fid-dettal x'ġara u ma ġarax ibbażżat fuq dak li kien ra meta attenda l-ewwel darba.

Jispjega li l-operazzjoni li kienet qed isseħħ hija komuni ħafna u ssir kemm barra mit-territorju ta' Malta u kemm fih. Jgħid li l-"Vallesina" kienet ankrata u l-vapur l-ieħor l-"Elaura", li huwa ħafna iżgħar, jorbot mal-ġenb tiegħu, jqabbdu l-*hoses* tal-lastiku flessibli bejn iż-żewġ vapuri u l-"Elaura" tagħti l-fuel. Jgħid li meta dan l-operat sar kien hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet sabiex l-operazzjoni saret u b'hekk l-"Elaura" ntrabtet mal-"Vallesina" u beda x-xogħol.

Jikkonferma li l-"Vallesina" kienet wieqfa u l-"Elaura" resqet lejha. Jispjega li f'dan il-każ huwa kruċjali li l-vapur il-kbir ma jiċċaqlaqx biex il-manuvra ssir biss mill-vapur iż-żgħir li qed jersaq. Isostni li mill-informazzjoni li għandu l-manuvra biex l-"Elaura" rabtet mal-"Vallesina" mar kollox sew u beda r-*refuelling*.

Jispjega li f'punt minnhom, minħabba d-deterjorament fit-temp, ittieħdet deċiżjoni illi l-"Elaura" titlaq u b'hekk jieqaf il-*fuelling*. Jispjega li l-vapuri kienu marbutin ma xulxin permezz ta' tliet ħbula quddiem u tlieta oħra wara u tnejn li jmorru kontra xulxin.

Jgħid li hemm raġunijiet diversi għaliex l-"Elaura" trakka ma' port-side. L-ewwelnett li l-bunker barges fil-każ tal-"Elaura" jkollhom il-manek, il-*hoses rigged* ħafna drabi fuq naħa waħda biss u jkunu lesti mas-sistema tal-vapur b'tarf miftuħ. Raġuni oħra, jispjega l-kaptan Gabriele, hi t-tip ta' manuvrar tal-vapur u għalhekk jiddeċiedi l-Kaptan tal-vapur li ser jiġi mmanuvrat, f'dan il-każ l-"Elaura" ghax huwa l-vapur iż-żgħir. Raġuni oħra hi li l-vapur jkollu l-*fenders* tiegħu li jkunu marbutin u mhux faċli jiċċaqalqu.

Iż-żewġ bastimenti kellhom wiċċhom 'il barra u l-"Vallesina" kellu l-ankra *portside* u ċioe' wiċċu għar-riħ u l-katina tal-ankra ma kinitx b'mod li ttellef lil "Elaura". Jikkonferma li l-"Elaura" kien marbut bil-ħbula biss u mhux bl-ankra biex il-vapuri jiċċaqilqu flimkien.

Jispjega li meta t-temp beda jinbidel, il-"Vallesina" kienet ankrata u huwa bastiment kbir u b'hekk diffiċli li jiċċaqlaq. Minn naħa l-oħra, l-"Elaura" li huwa iżgħar u ma kienx ankrat b'mod illi beda jiċċaqlaq - anke għaliex kien ħfief mill-piż tal-*fuel*.

Isostni li minħabba f'hekk tnejn mill-ħbula tal-"Elaura" bdew jillaxxkaw u l-piż ġie fuq il-ħabel tal-"Vallesina" li bl-isforz inqata' u sussegwentament inqatgħu iż-żewġ ħbula l-oħra wkoll.

Mistoqsi jekk eżaminax il-ħbula maqtugħin, Gabriele jgħid li le għax ma kienux t'importanza kbira sabiex jiġi determinat x'ġara. Isostni li l-każ ma kienx jikkonċerna l-ħbula iżda kwistjoni ta' użu ta' magna u ta' tmun jew nuqqas tagħhom għax *good seaman practice* tirrikjedi li l-magna u t-tmun jintużaw sabiex timminimizza ċ-ċans ta' inċident u f'dan il-każ jidher li jew ma ntużawx jew intużaw tard wisq. Malli nqatgħu l-ħbula kollha ħlief ta' wara li llaxxka, l-"Elaura" ħabtet mal-"Vallesina" u kompliet titkaxkar 'l iself u reġgħet ħabtet. Jgħid li f'dak il-punt żgur li ma ntużatx magna.

Jispjega li dan mhuwiex każ ta' ħabta bejn żewġ vapuri fuq il-baħar iżda każ ta' żewġ vapuri li qabblu dwar operazzjoni li jġibu l-vapuri flimkien. Jgħid li hemm manuvra li qed jagħmilha vapur wieħed li hu responsabbli, minkejja li ż-żewġ kaptani qabblu. Isostni li r-responsabilita' tal-"Vallesina" kienet li ma jiċċaqlaqx minn fejn kien u ma ċċaqlaqx ħlief ftit bir-riħ. Jgħid li dawn huma ċirkostanzi straordinarji li kienu jirrikjedu azzjoni straordinarja li ma ttieħdux minn naħa tal-"Elaura" u ċioe' l-użu tal-magna u t-tmun.

In sosten tax-xhieda tiegħu, x-xhud ippreżenta numru ta' *sketches* dwar kif seħħet il-kolliżjoni li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

In **kontro-eżami** jgħid li mhuwiex neċessarjament mekkaniżmu li minnu joħorġu l-linji tal-irmiġġ. Jikkonferma li jiġu kkontrollati mill-bastiment li minnu jkunu ħerġin. Jikkonferma li hemm ħolqa li tidħol fil-*mooring bitt* u biex tinqala' dak li jirċievi ċ-ċima jrid jaqlagħha minn mal-*mooring bitt* iżda jispeċifika li din tkun tqila. Jispjega li fil-każ ta' vapur bħal "Vallesina" tkun tant tqila li trid tnejn jew tlieta min-nies biex jifilħu l-piż tagħha.

Jispjega li fid-dokumenti esebiti minnu li juru kif ġara l-inċident hemm indikat li l-ħbula inqatgħu iżda m'hemmx ċertezza dwar minn fejn inqatgħu. Jikkonferma li hemm possibilita' li ċ-ċima inqatgħet fejn kienet qiegħda tmiss mal-*fair lead* tal-"Elaura". Jikkonferma li hu ħares lejn iċ-ċima iżda m'eżaminahomx fid-dettall. Jispjega li l-probabilita' hi li ċ-ċima tal-"Vallesina" inqatgħet l-ewwel minħabba li ż-żewġ ċimi tal-"Elaura" bdew jerħu u b'hekk ġie l-piż kollu fuq dik tal-"Vallesina" u eventwalment imbagħad inqatgħu t-tnejn l-oħra wkoll.

Mistoqsi xi tfisser '*verbal communication*' hekk kif imniżżla fiċ-*checklist* li saret bejn iż-żewġ vapuri minħabba l-operazzjoni tal-*bunkering*, jgħid li din tirreferi għall-komunikazzjoni bejn iż-żewġ vapuri biex jaċċertaw li x-xogħol imur kif pjanat, liema komunikazzjoni isseħħ qabel, waqt, ftit qabel ma jisserparaw u fis-separazzjoni. Jikkonferma li '*verbal communication*' tista' tfisser komunikazzjoni permezz tar-radio. Jaqbel li komunikazzjoni bis-suffara ma tammontax għal '*verbal communication*'.

Jispjega li meta għandek differenza fl-għoli tal-vapuri, il-prinċipju huwa li l-ħbula jingħataw aktar fit-tul ħalli jagħmlu tajjeb għall-istess għoli.

Mistoqsi dwar iż-żewġ punti t'impatt li rriżultaw mal-"Vallesina" jgħid li kien hemm madwar tmintax (18) -il metru jisseparahom u hemm ukoll differenza żgħira fl-għoli ta' bejn żewġ metri u nofs (2.5 m). Jaqbel li fil-punt tal-impatt il-vapuri kien għadhom marbutin iżda mhux minn quddiem għax iċ-ċimi kienu diġa' nqatgħu kollha. Jgħid li mill-informazzjoni li għandu jidher li ċ-ċima li kien oriġina mill-"Vallesina" fuq in-naħa ta' wara kien għadu mhux maqtugħ.

Jispjega li skont il-kalkoli tiegħu l-"Elaura" imxiet lura madwar tnejn u għoxrin (22) metru.

F'**ri-eżami**, Gabriele jgħid li huwa irrelevanti f'liema post inqatgħu l-ħbula. Mistoqsi ta' min hija r-responsabilita' tal-ħbula, jispjega li kull vapur huwa responsabbli għall-parti tal-ħabel li tkun fuq il-vapur partikolari u jridu jkunu ż-żewġ partijiet biex jaħdem. Jissuġġerixxi li l-problema fil-ħbula ta' quddiem kienet naxxenti mill-fatt illi kien hemm żball prattiku meta nħarrġu u ċioe' li l-piż ma tqassamx sew bejn it-tliet ħbula bil-konsegwenza li ż-żewġ ħbula tal-"Elaura" bdew jislekjaw u ġie t-toqol kollu fuq il-ħabel tal-"Vallesina". Jispjega li l-mod kif inqatgħu l-ħbula huwa tipiku u dana stante li la darba l-"Vallesina" kienet ankrata wiċċha lejn ir-riħ, l-ewwel bdiet tilqa' l-mewġ għall-"Elaura" u jinħoloq *funnel effect* bejn iż-żewġ vapuri biex b'hekk hemm żewġ movimenti u ċioe' żewġ forzi jaħdmu: waħda li timbotta lil "Elaura" lura u l-oħra li timbuttaha 'l barra.

Jispjega li l-*islaking* tal-ħbula ta' quddiem tal-"Elaura" ikkaġuna li l-piż ġie kollha fuq tal-"Vallesina" li bil-piż żejjed inqata'. Jgħid li mhuwiex possibli li *jislekja* min-naħa tal-"Vallesina" stante li fuq dik in-naħa huwa imlibbes mal-ħadid solidu imma fuq l-"Elaura" kien qiegħed fuq winċ marbut bi *break*. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx ikun iktar prattiku li l-"Elaura" jkollha ankra mniżżla, jispjega li f'dawn l-operazzjonijiet hija dejjem ankra waħda li titniżżel minħabba biża ta' *fouling*.

Fl-affidavit tiegħu prodott mir-rikorrenti noe, il-**Kaptan Girolamo Castiglione** jgħid li hu *Master Mariner* ikkwalifikat u kien qed jaqdi dan l-irwol fuq il-"Vallesina" fit-3 ta' Novembru 2018 meta seħħet il-ħabta bejn il-"Vallesina" u l-"Elaura". Jispjega li dakinhar kien hemm skedat li jirċievu servizz ta' *bunkering* mingħand l-"Elaura" u għalhekk daħlu fl-ibħra territorjali Maltin u tefgħu l-ankri fit-tmienja ta' filgħodu. Jgħid li l-"Elaura", li hija bastiment iżgħar, waslet fl-għaxra u nofs ta' filgħodu u irmiġġat il-*portside* man-naħa tal-lemin (*starboard side*) tal-"Vallesina".

Jispjega li qabel ma bdiet l-operazzjoni tal-*bunkering*, sar arranġament tal-linja tal-irmiġġ biex min-naħa tal-"Elaura" rċievew żewġ *headlines, forward*

*spring line, aft spring line* u żewġ *sternlines, u m*ill-"Vallesina", l-"Elaura" rċeviet *headline* u *sternline.*

Jispjega li l-operazzjoni tal-*bunkering* bdiet fil-ħdax u tmintax-il minuta, iżda ftit wara s-sitwazzjoni tat-temp bdiet tiddeterjora. Jgħid li l-"Elaura" kienet qed teħfief tul l-operazzjoni minħabba li kienet qed tneħħi l-*bunkers* u bdiet tiċċaqlaq ħafna minħabba t-temp u konsegwentament il-Kaptan iddeċieda li jissospendi l-operazzjoni fl-erbgħa ta' wara nofs in-nhar.

Jgħid li għalhekk bdew il-proċeduri ta' *unmooring* sabiex l-"Elaura" tkun tista' titlaq. Isostni li l-"Vallesina" ma ċċaqalqitx tul l-operazzjoni kollha u għalhekk kienet l-"Elaura" biss li ċċaqalqet. Jispjega li waqt il-proċedura tal-*unmooring* il-linja ta' quddiem tal-"Elaura" bdew iċedu u kif l-"Vallesina" neħħiet il-linja tal-irmiġġ tagħha, l-pruwa tal-"Elaura" ċċaqalqet lejn in-naħa tal-lemin biex ġiet f'ħamsa u erbgħin grad lejn il-"Vallesina" stante li kienet l-unika linja ta' rmiġġ li kien fadal. Jgħid li l-*aft spring* telaq ukoll u konsegwentament l-"Elaura" ħabtet fil-lemin tal-"Vallesina" u wara immollat lura u reġgħet ħabtet fil-"Vallesina" għat-tieni darba sakemm imbagħad irnexxielha titlaq.

Isostni li kif tneħħa l-irmiġġ ta' quddiem, l-"Elaura" mal-ewwel bdiet tiċċaqlaq u kienet tardiva fl-użu tal-magna, fit-tmun u fit-*truster* tal-pruwa sabiex tevita kolliżjoni.

Jgħid li l-inċident deskritt ġara fl-erbgħa u għaxra ta' wara nofs in-nhar u immedjatament ordna li ssir spezzjoni tal-ħsarat mill-ekwipaġġ u l-ħsara rrapurtata kienet li kien hemm toqba fit-tank tas-saborra tal-ilma fuq in-naħa tal-lemin u toqba u *dent* fi spazju vojt.

Jispjega li nforma wkoll lill-Kaptan DPA tal-kumpanija, Lucio Crescenzi, li kien il-persuna fuq l-art li tah struzzjonijiet sabiex jipproċedi bit-tiswijiet f'Palumbo Malta Shipyard.

Jgħid li aktar tard dakinhar, irċivew struzzjoniiet mill-Port ta' Valletta sabiex jitilqu mill-ibħra territorjali Maltin u jankraw fiż-żona ta' limitu tal-port. Jispjega li l-għada, l-ekwipaġġ beda '*gas-freeing operation*' sabiex inaqqas ir-riskju ta' splużjoni, liema operazzjoni saret fir-rigward tat-tankijiet adjaċenti għat-tankijiet affetwati bil-ħabta, liema operazzjoni tlestiet fil-5 ta' Novembru fis-sagħtejn u nofs ta' wara nofs in-nhar.

Jispjega, li fis-6 ta' Novembru fl-erbgħa u sitt minuti ta' fil-għodu, tellgħu l-ankri u pproċedew lejn il-Port ta' Valletta u fid-disgħa u nofs ta' fil-għodu (9:30hrs) kienu ankraw f'Palumbo Malta Shipyard sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji li tlestew f'jumejn. Jgħid li fit-8 ta' Novembru 2018, it-tiswijiet ġew spezzjonati għas-sodisfazzjon ta' ABS u RINA *class surveyors* u sussegwentament il-bastiment ħareġ u qabad triqtu fid-9 ta' Novembru fit-tmienja ta fil-għodu.

Jikkonferma li l-Kaptan Joe Gabriele mar fuq il-"Vallesina" fis-6 u fis-7 ta' Novembru 2018 u nfurmah li kien qed jagħmel dan fuq struzzjonijiet tal-PL Ferrari bħala P&I Brokers tas-sidien tal-"Vallesina".

In **kontro-eżami** jgħid li hu kien fuq il-*bridge* meta bdiet l-operazzjoni fl-għaxra u nofs ta' fil-għodu u reġa' kien preżenti wara li seħħ l-inċident. Jikkonferma li kien preżenti tul l-operazzjoni kollha. Jispjega li s-suffara tal-"Elaura" ntużat sabiex tagħti l-avviż li l-operazzjoni kienet ser tieqaf. Jgħid li ma setgħax jibda' l-proċedura tar-rilaxx tal-irmiġġ qabel ma tieqaf l-operazzjoni tal-*bunkering*.

Jispjega li fir-rigward tar-rilaxx tal-ħbula tal-poppa, kienu ingħataw informazzjoni mill-"Elaura" li l-ħbula kienu *slekkjati* iżda wieħed minnhom tant kien għadu ssikkat li l-ekwipaġġ tal-"Vallesina" ma setgħux jirrilixxjawh. Jgħid li t-tliet ħbula ta' wara inqatgħu f'daqqa u qabel dan kienu t-tlieta ssikkati wisq. Jispjega li meta inqatgħu seħħet il-kolliżjoni minħabba l-inizerja tal-"Elaura".

Jikkonferma li s-sitwazzjoni tat-temp kienet ta' diffkulta għall-"Elaura". Jikkonferma li l-angolo tal-"Elaura" mal-"Vallesina" kien dak ta' ħamsa u erbgħin grad.

Fl-affidavit tiegħu, **Bhupendra Singh Rawat** jgħid li hu kien abbord il-"Vallesina" fit-3 ta' Novembru 2018 meta seħħet il-kolliżjoni. Jgħid li fl-2018 kien jokkupa l-kariga ta' baħri u kellu madwar sentejn esperjenza.

Jispjega li l-kolliżjoni seħħet waqt operazzjoni ta' *ship-to-ship bunkering* fejn l-"Elaura" kienet qed tipprovdi *bunkers* lil "Vallesina". Jgħid li hu kien stazzjonat fuq *stand-by* waqt l-operazzjoni fl-istazzjon tal-poppa u għalhekk kien fuq wara tal-vapur.

Jgħid li jiftakar li s-sitwazzjoni tat-temp bdiet tiddeterjora waqt l-operazzjoni u l-ekwipaġġ tal-magna kien stazzjonat fil-*manifold* tal-"Vallesina". Jgħid li jiftakar li kien hemm tliet *sternlines* fuq wara, fejn kien hu, li tnejn minnhom kienu tal-"Elaura" u l-ieħor kien tal-"Vallesina" u hu kien stazzjonat fil-posizzjoni tiegħu sabiex jirrilaxxa l-linja skont il-bżonn.

Jispjega li kellu struzzjonijiet mill-uffiċjal inkarigat sabiex jitfa' l-*istern lines* iżda dawn kienu issikkati ħafna u kważi mqaċċta. Jgħid li pprova jirrilaxxa l-ħbula iżda dan ma kienx possibbli. Jikkonferma li l-uffiċjal inkarigat dak il-ħin kien Deependra Singh.

Jgħid li jiftakar li l-"Elaura" kienet resqet lura u ħabtet mal-"Vallesina" meta ġiet sospiża l-operazzjoni tal-*bunkering* u l-"Elaura" kienet qed tipprova titlaq minn ħdejn il-"Vallesina".

Fl-affidavit tiegħu, **Deppendra Singh** jgħid li hu kien abbord il-"Vallesina" fit-3 ta' Novembru 2018 meta seħħet il-kolliżjoni u kien jokkupa l-kariga ta' *second officer* fuq il-"Vallesina".

Jispjega li dakinhar kienu ankrati 'l barra mill-kosta Maltija sabiex jagħmlu operazzjoni ta' *bunkering* li bdiet fil-għodu u l-*bunkers* kellhom jiġu pprovduti minn tanker bl-isem "Elaura", li huwa vapur ferm iżgħar, li resaq lejn il-"Vallesina" and u trakka b'mod li x-xellug tiegħu kien jiġi mal-lemin tal-"Vallesina" sabiex tibda' l-operazzjoni. Jgħid li hu ra dan kollu għax kien stazzjoni fil-*control room* tal-vapur.

Jgħid li dakinhar kien hemm l-inġinier fuq il-lemin fejn il-linji tal-irmiġġ ġew marbuta u l-ekwipaġġ tal-gverta (deck crew) kien qiegħed jieħu ħsieb l-istess linji. Jgħid li s-sitwazzjoni tat-temp iddeterjorat mal-ħin u l-Kaptan tagħhom għarraf b'dan lill-Kaptan tal-"Elaura".

Jispjega li l-arranġament tal-irmiġġ kien jikkonsisti f'total ta' tmien linji li kienu jikkonsistu fi tliet *headlines* – tnejn mill-"Elaura" u wieħed mill-"Vallesina", *forward spring* mill-"Elaura", - tliet *stern lines*, tnejn mill-"Elaura" u wieħed mill-"Vallesina" u *stern spring* mill-"Elaura".

Isostni li fil-poppa tal-vapur l-arranġament kien jikkonsisti f'żewġ *sternlines* tal-"Elaura" li kienu marbuta ma' *bollard* li jinsab quddiem l-kwartieri tal-akkomodazzjoni tal-"Vallesina". Jgħid li kien hemm ukoll ħabel ieħor li oriġina mill-*ispring winch drum* tal-"Vallesina" fuq il-lemin, liema ħabel huwa sikurat b'*tension drum* b'*single layer* li qiegħed ukoll quddiem l-kwartieri tal-akkomodazzjoni tal-"Vallesina".

Jispjega li kif it-temp iddeterjora l-operazzjoni ġiet sospiża. Jgħid li l-pruwa tal-"Elaura" bdiet tiċċaqlaq u l-*headlines* tal-"Elaura" bdew jinħallu bil-pressjoni u għalhekk l-unika ħabel li kien qed iżomm sew kien dak li oriġina mill-"Vallesina" li ma bediex jinħall, filwaqt li l-oħrajn eventwalment tqaċċtu.

Isostni li l-"Elaura" bdiet tersaq lura gradwalment u l-pruwa tagħha bdiet titbandal lejn il-lemin u l-poppa bdiet titbandal lejn il-"Vallesina" u eventwalment il-poppa mix-xellug ħabtet diversi drabi mal-lemin tal-"Vallesina".

Jgħid li tul l-operazzjoni u l-kolliżjoni, l-ekwipaġġ tal-"Vallesina" kien fuq *stand-by* biex jaġixxi sabiex ineħħi l-linja tal-irmiġġ. Jikkontendi li jidher li l-ekwipaġġ tal-"Vallesina" kien l-uniku ekwipaġġ li provda rispons posittiv u immedjat mal-kolliżjoni.

In **kontro-eżami** jgħid li hu impjegat ta' Navigazione Montanari. Jikkonferma li l-inċident ġie diskuss bejniethom dakinhar li seħħ iżda mhux wara. Jikkonferma li dak li qal fl-affidavit tiegħu kien mill-memorja tiegħu. Jikkonferma li bejn il-ħin li l-vapuri rabtu u l-ħin tal-inċident kien għadda l-ħin bejn id-disgħa ta' filgħodu u l-erbgħa ta' wara nofs in-nhar. Jgħid li hu

dakinhar kien jinsab fuq il-pont tal-vapur bejn nofs in-nhar u l-erbgħa u nofs ta' wara nofs in-nhar. Jikkonferma li minħabba t-temp, il-Kaptan tal-"Elaura" kien talab żewġ ħbula żejda min-naħa tal-"Vallesina" li ngħataw. Jgħid li huwa normali li jiġri dan.

Jikkonferma li kien il-Kaptan tal-"Elaura" li ddeċieda li jwaqqaf l-operazzjoni minħabba t-temp. Jgħid li l-ewwel ma ċeda kien il-ħabel tal-"Vallesina" li kien marbut fuq quddiem. Jispjega li meta t-temp beda jiddeterjora, il-Kaptan tal-"Vallesina" kellem lill-Kaptan tal-"Elaura" u tah parir li titwaqqaf l-operazzjoni iżda dan għażel li jibqgħu għaddejjin imma ftit wara bdew jinqatgħu l-ħbula.

Jikkonferma li meta l-ħbula ta' quddiem inqatgħu, l-Elaura kienet qed tersaq lejn il-Vallesina iżda mill-poppa kienu għadhom marbutin ma' xulxin. Jgħid li jiftakar li kien hemm struzzjonijiet mill-Kaptan tal-Elaura sabiex jinħallu l-ħbula tal-poppa iżda fl-aħħar stadju dawn ukoll inqatgħu. Jgħid li kellhom struzzjonijiet sabiex iħollu jew jislekjaw ftit il-ħbula iżda dan ma setax isir minħabba li ma' kienx hemm ekwipaġġ biżżejjed għax kien issikkat. Mistoqsi f'każ li l-ħbula ta' fuq l-Elaura ingħataw biżżejjed slack kienx ikun possibbli li l-ekwipaġġ tal-Vallesina jaqilgħu l-ħbula, jgħid li dan kien ikun faċli u l-istess vice-versa.

Mistoqsi jekk jiftakarx lill-Kaptan tal-"Elaura" jipprova jiġbed l-attenzjoni tagħhom permezz tas-suffara, jgħid li ma jiftakar ebda ħoss ta' suffara. Jgħid li l-Kaptan tal-"Vallesina" kien qed jipprova jikkomunika mal-Kaptan tal-"Elaura" permezz tar-radio iżda ma bediex iwieġbu, eventwalment ġibed l-attenzjoni tiegħu minn fuq il-*bridge* u ż-żewġ Kaptani bdew jitkellmu bil-lingwa Taljana minn fuq il-*bridges* rispettivi u l-Kaptan tal-"Vallesina" kien ġibed l-attenzjoni li t-temp qed jiddeterjora u li jkun aħjar li jinfirdu.

Mistoqsi jekk hux minnu li l-ekwipaġġ tal-"Elaura" pprova jaqta' l-ħabel tal-"Vallesina" li kien ħiereġ mill-poppa, jgħid li hu minnu. Jispjega li dan ma kienx faċli iżda finalment inqata'. Jgħid li mhux tal-fehma li l-ħbula li kienu ġejjin mill-poppa tal-"Elaura" verament kellhom *slack* ta' madwar mitt metru. Jgħid li mhux tal-fehma li kien hemm biżżejjed *slack* fuq il-ħbula tal-"Elaura" li jippermettu lill-ekwipaġġ tal-"Vallesina" jaqalugħhom.

Jikkonferma li minħabba l-ħabel issikat tal-"Vallesina", l-"Elaura" ma setgħatx titlaq. Jikkonferma li d-differenza fl-għoli bejn iż-żewġ vapuri kienet ta' madwar żewġ metri u nofs. Mistoqsi dwar l-*pull effect* fiċ-ċirkostanzi, jgħid li kien hemm dan l-effett li seta' jiġi kombattut b'manuvrar tajjeb, li kien mankanti. Jikkonferma li l-operazzjoni sabiex taqta' l-ħbula hija waħda perikoluża minħabba l-ħxuna tal-ħabel. Jgħid li l-ħabel kien għadu ma nqagħtax meta bdew jimmanuvraw u kien meta inqata' l-ħabel li l-"Elaura" setgħet tinnaviga u timmanuvra sew.

F'**ri-eżami** jikkonferma li hu ra x-xena kollha u hu wasal fuq il-*bridge* meta l-operazzjoni tal-*bunkering* kienet diġa' bdiet u jgħid li kien hemm l-inġinier preżenti u l-ekwipaġġ kien fuq in-naħa t'isfel.

Fl-affidavit tiegħu, **Francis Reilly** jgħid li hu d-Direttur ta' Edgewater Falls Limited u jikkonferma l-eżistenza ta' *Time Charter Party* f'konnessjoni mal-"Vallesina" li ġie kkuntrattat fid-19 ta' Settembru 2018 bejn Navigazione Montanari SpA bħala s-sidien tal-vapur u l-kumpanija *de quo* bħala *Charterers* għall-perjodu ta' tnax-il xahar.

Jgħid li fit-3 ta' Novembru 2018, ġew infurmati mis-sidien tal-vapur li dan ġie milqut minn *bunker barge* bl-isem "Elaura" barra mix-xatt ta' Malta. Jgħid li ġew infurmati wkoll li dan irriżulta fl-inabilita' li l-vapur ikompli fuq ir-rotta ppjanata u għalhekk wassal għal telf t'użu u ħin sabiex il-vapur ikompli fl-operat tiegħu.

Jispjega li skond iċ-*Charter Party*, ir-rata tal-kiri tal-bastiment kien ta' sbatax-il elf Dollaru Amerikan (USD 17,000) għal kull ġurnata flimkien mas-somma ta' elf, tmien mija u ħamsin Dollaru Amerika (USD 1,850) fix-xahar li jkopru sahra u spejjeż ta' komunikazzjoni. Jgħid li imbagħad huwa stabbilit li fl-eventwalita' ta' telf ta' użu għal iktar minn sitt sighat minħabba ħabta jew tiswijiet, il-vapur ġie meqjus *off-hire* sakemm ikun lest biex ikompli bl-operat tiegħu.

Isostni li l-vapur kien barra mill-użu mit-3 ta' Novembru 2018 fl-erbgħa u għaxra ta' wara nofs in-nhar sat-tmienja ta' fil-għodu tad-9 ta' Novembru 2018 u b'hekk hemm total ta' sitta u disgħin elf, ħames mija u erbgħa u sittin Dollaru Amerikan u disgħa u għoxrin ċenteżmu (USD 96,564.29) li l-vapur kien *off-hire*.

Jispjega li ai termini tal-istess Charter Agreement, huma ġeneralment responsabbli sabiex jipprovdu u jħallsu tal-*bunkers* użati mill-vapur, iżda waqt perjodu *off-hire* huma responsabbli s-sidien u fil-perjodu msemmi intużaw b'valur ta' total ta' sebgħa u tletin elf, u sebgħa u għoxrin Dollaru Amerikan u tletin ċenteżmu (USD 37,027.30).

Isostni għalhekk li s-sidien tal-vapur "Vallesina" soffrew telf ekonomiku taħt it-*Time Charter Party* li wasslu sabiex saret tpaċija ta' dawk l-ammonti mill-kera dovuta.

In **kontro-eżami** jgħid li meta seħħ l-inċident, il-vapur kien ilu mikri lilhom ftit xhur. Jgħid li l-ekwipaġġ kienu kollha impjegati tas-sid tal-vapur. Il-ftehim kien ta' kiri tal-vapur bl-ekwipaġġ u l-provvisti nklużi. Jikkonferma li Edge Water ġiet ikkumpensata tat-telf ta' użu tal-vapur minħabba l-inċident u dana wara li saru diskussjonijiet bejniethom u s-sid tal-vapur. Jikkonferma li l-"Elaura" ma kinitx involuta fid-diskussjonijiet.

Fix-xhieda tiegħu, **Mario Grbic** jgħid li hu d-Direttur Marittimu tas-soċjeta' Navigazione Montanari. Jispjega li hu beda l-karriera tiegħu madwar ħamsa u għoxrin (25) sena ilu, baħħar għal seba' (7) snin fuq *tanker vessels* u minn dak iż-żmien ħadem fuq l-art ma' kumpanija f'Londra u wara nqagħad mas-soċjeta' Navigazione Montanari fl-2011. Jispjega li x-xogħol tiegħu jinvolvi sigurta' fuq il-baħar, sigurta' u protezzjoni ambjentali kif ukoll servizz ta' verifika tal-flotta ta' Montanari.

Jgħid li meta seħħ l-inċident f'Novembru tas-sena 2018, il-vapur "Vallesina" kien mikri taħt *Time Charter Party* lil Edge Water Falls Limited skont ftehim datat 19 ta' Settembru 2018 u dana b'kera ta' bejn sbatax u tmintax-il elf Dollaru Amerikan (USD 17-18,000) għal kull ġurnata.

Jispjega li f'*Time Charter Party* il-prassi marittima titlob li meta vapur ikun wieqaf għall-aktar minn sitt (6) sigħat konsekuttivi kull spejjeż jitħallsu mis-sid u l-vapur ikun *off-hire*, liema ammont jiġi kkakolat pro-rata.

Mistoqsi dwar l-ispejjeż li daħlet fihom is-soċjeta' jispjega li t-total kien madwar mija u disgħa u disgħin elf Ewro (€199,000) fejn l-ispejjeż prinċipali kienu jikkonsistu f'somma ta' ċirka wieħed u tletin elf Euro (€31,000) dovuta lil Palumbo Shipyards għat-tiswija. Kont ieħor bi spiża simili kien għal *tug assistance* u kont ieħor kien jammonta għal mija u wieħed u għoxrin elf Ewro (€121,000). Jispjega li sabiex isiru tiswijiet fuq vapur bħal "Vallesina" kien jeħtieġ li l-ewwel jitneħħa l-gass sabiex jiġu evitati inċidenti. Jgħid li dan il-proċess huwa diffiċli u perikoluż jekk ma jsirx kif suppost. Jgħid li imbagħad biex il-vapur jidħol fil-post għat-tiswijiet li jkun jeħtieġ, jkun hemm *tugging* u f'dan il-każ kien hemm bżonn ta' tliet *tugs* li jqumu madwar elfejn Dollaru Amerikan (USD 2,000) fis-siegħa-il wieħed sabiex jaħdmu u f'dan il-każ kien hemm bżonn ta' tlieta għal madwar erba' (4) sigħat.

Mistoqsi dwar it-tagħmir ikkonċernat u fhiex jikkonsisti u x'verifika hemm bżonn, jgħid li kull vapur għandu tagħmir li jikkonsisti fi ħbula u wajers tal-irmiġġ li jridu jiġu ċċekkjati u mantnuti regolarment. Jispjega li hemm pjan tal-immaniġġjar imsejjaħ IMPS li jiġi approvat mill-amministrazzjoni tal-bandiera u approvat mill-*class society*. Dan ikun jikkontjeni struzzjonijiet ta' dak kollu li għandu jsir bħala verifikar u tibdil. Isostni li fuq il-"Vallesina" kollox kien magħmul korrettament u vverifikat. Jispjega li l-vapuri jintbagħtu għal spezzjonijiet li jdumu bejn tmienja (8) u għaxar (10) sigħat u jiġu mistoqsija madwar seba' mitt (700) mistoqsija. Jikkontendi f'dawn l-affarijiet jeħtieġ li jkun hemm serjeta' għax hemm il-ħajjiet tan-nies fin-nofs kif ukoll riskju ta' katastrofi ambjentali.

Mistoqsi dwar kif il-kumpanija tassigura li l-ekwipaġġ mhuwiex għajjien jew taħt l-influwenza ta' droga jew alkoħol jgħid li jsiru testijiet għad-droga u l-

alkoħol mill-inqas darba fix-xahar u s-sigħat tal-mistrieħ jiġu adegwatament ivverifikati.

In **kontro-eżami** jgħid li hu ma kienx involut fis-*settlement agreement* mac-*charterer* għax mhuwiex il-kompitu tiegħu u fil-fatt qatt ma kellu kuntatt dirett ma' Edge Water. Jikkonferma li qatt ma kellu kuntatt mas-sidien tal-"Elaura". Jgħid li l-irwol tiegħu fl-investigazzjoni kienet li jipprepara rapport tekniku mill-informazzjoni miġbura fosthom l-espert Kaptan Gabriele.

F'**ri-eżami** jispjega li meta l-vapur ma jkunx jista' jintuża imur *off-hire*. Jgħid li għandu l-elenku tal-ispejjeż kollha nvoluti imma l-analiżi tiegħu kienet mill-aspett tekniku.

Fl-affidavit tiegħu prodott mill-bastiment intimat, il-**Kaptan Mario Grech**, jgħid li hu *marine surveyor* u konsulent b'sebgħa u erbgħin sena esperjenza fl-industrija marittima. Jgħid li hu kwalifikat bħala Master Mariner u ħadem f'kull livell inkluż diversi snin li kien jikkmanda fuq bastimenti oċeaniċi. Jispjega li għandu wkoll *Master of Science* mill-IMO sponsored World Maritime University of Malmoe, Sweden fejn speċjalizza f'*Maritime Safety Administration*. Jgħid li tul il-karriera tiegħu kien involut f'diversi spezzjonijiet u f'dan il-każ tqabbad sabiex jagħti l-opinjoni professjonali tiegħu dwar dak li seħħ bejn iż-żewġ bastiment *de quo*.

Jispjega li huwa kkonsulta mas-segwenti dokumenti li ġew ippreżentati u li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Dok MG1: Rendikont tal-fatti mill-Kaptan tal-"Elaura"

Dok MG2: Ittra ta' Protesta mill-Kaptan tal-"Elaura"

Dok MG3: Rendikont tal-fatti mill-Kaptan tal-"Vallesina"

Dok MG4: Rendikont mill-Kaptan tal-"Vallesina"

Dok MG5: Ittra ta' Protesta mill-Kapta tal-"Vallesina"

Dok MG6: Rapport tad-danni minn H. Vassallo Ltd datat 29 ta' Novembru 2018 (bħala rappreżentanti tal-"Vallesina")

Dok MG7: Survey Report minn NAS bħala rappreżentanti tal-"Elaura"

Dok MG8: Rapport minn Rise Co Ltd datat l-4 ta' Diċembru 2022

Dok MG9: Xhieda tal-Kaptan Joe Gabriele

Dok MG10: Kuntratt tal-Bunkering

Dok MG11: Rapport dwar l-isabbilita' tal-"Elaura" qabel u wara l-*bunkering* tal-"Vallesina"

Dok MG12: Transfer Checklist – ship to ship bunker – "Elaura"

Jgħid li l-inċident jinvolvi il-vapur bil-bandiera Taljana "Vallesina" u l-*Bunker barge* Malti "Elaura" li ġara fit-3 ta' Novembru 2018 madwar l-erbgħa ta' wara nofs in-nhar, meta ż-żewġ vapuri ġew f'kuntatt wara operazzjoni ta' *Bunkering* madwar għaxar mill nawtiku fil-Lvant/Grigal/Lvant ta' Malta.

Jispjega li t-temp dakinhar kien bir-riħ mix-Xlokk b'forza bejn erbgħa u ħamsa (4/5) b'imbat ta' metru (1m) meta bdiet l-operazzjoni u forza ħamsa (5) b'imbat ta' metru u nofs (1.5m) iktar tard. Iżda ritratti tal-ħsarat ta' "Vallesina" jindikaw distanza ta' madwar żewġ metri u nofs bejn iż-żewġ punti ta' kuntatt li jindika li kien hemm mewġ għola ta' madwar żewġ metri u nofs (2.5m).

Jsostni illi jirriżultalu illi dak in-nhar tal-inċident, il-"Vallesina" ankrat bi tmien qajd bl-ankra fuq ix-xellug. Il-*bunker barge* "Elaura" marret ħdejn l-"Vallesina" b'mod li x-xellug tal-"Elaura" kien jiġi mal-lemin tal-"Vallesina" u ntrabtu ma' xulxin b'żewġ *head ropes*, żewġ *stern ropes, spring fore* u *spring aft* mill-"Elaura" għal "Vallesina" u minħabba t-temp kien hemm ukoll *head rope* u *stern rope* mill-"Vallesina" għall-"Elaura".

Jgħid li l-*bunkering* beda fil-ħdax u għaxra ta' filgħodu u baqa' għaddej mhux interrot sal-erbgħa u tmien minuti ta' wara nofs in-nhar meta r-riħ kien żdied u minħabba l-għoli tal-mewġ, il-Kaptan ta' "Elaura" iddeċieda li jwaqqaf l-operazzjoni. Jgħid li ftit wara il-*head rope* mgħoddi mill-"Vallesina" u l-"Elaura" inqata' u għalhekk iż-żewġ ħbula rimanenti kienu taħt stress. Jispjega li l-Kaptan tal-"Elaura" pprova jikkontrolla l-moviment u jżomm l-"Elaura" bi dritt il-"Vallesina" bl-użu tal-*bow thruster* iżda baqa' jiċċaqlaq u għalhekk talab li tiġi mixgħula l-magna prinċipali.

Jispjega li s-sitwazzjoni kompliet tiddeterjora meta nqatgħu ż-żewġ *head ropes* rimanenti u l-poppa tal-"Elaura" baqgħet tiċċaqlaq 'l barra mentri l-pruwa baqgħat f'posta. Jispjega li minħabba li l-*hose* ma kienx għadu ġie maqlugħ, tqaċċat iżda ma kienx hemm rapport ta' tniġġis. Jgħid li sadanittant l-unika ħabel li kien fadal mal-pruwa kien l-*ispring* li nqata' wkoll meta l-vapur tbandal u għalhekk "Elaura" baqgħet marbuta biss bil-ħbula tal-poppa u għalhekk il-Kaptan tal-"Elaura" ta ordinijiet sabiex dawk ukoll jinħallu sabiex ikun jista' jitlaq minn ħdejn il-"Vallesina". Jispjega li meta tneħħew il-ħbula tal-"Elaura" ma kien hemm ħadd lest sabiex ineħħi l-ħabel tal-"Vallesina". Isostni li l-fatt li l-Kaptan tal-"Elaura" uża s-suffara sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-"Vallesina" juri li ma kien hemm ħadd pront u li lanqas bdew jikkomunikaw bir-*radio*.

Jgħid li l-ekwipaġġ tal-"Elaura" għalhekk beda jipprova jaqta' l-ħabel tal-"Vallesina" li issa kien qed iżomm il-vapur viċin ħafna u meta dan ċeda, il-pruwa kienet iċċaqalqet madwar ħamsa u erbgħin (45) grad u x-xellug tagħha ħabat mal-lemin tal-"Vallesina" li sarraf fi ħsarat fil-No 6 *starboard ballast tank* u l-ispazja adjaċenti miegħu. Meta imbagħad il-ħabel tal-"Vallesina" inqata', l-"Elaura" setgħet timxi 'l hemm b'distanza sikura.

Jgħid li bħala stat ta' fatt wara li l-i*stern rope* tal-"Vallesina" ċeda meta l-ekwipaġġ tal-"Elaura" kienu qed jippruvaw jqaċċtuh, l-"Elaura" kienu tefgħu il-partijiet rimanenti tal-ħbula fuq il-"Vallesina" li jindika li ma kienx hemm ħadd mill-ekwipaġġ fuq il-vapur. Isostni li mhux minnu li l-"Elaura" ħfiefet sinifikament minħabba li neħħiet it-toqol tal-bunkers.

Jispjega li l-operazzjoni tal-*bunkering* ġiet imwaqqfa minħabba t-temp stante li dak li kien miftiehem ma ġiex mgħoddi kollu. Isostni li ma kien hemm ebda mod kif l-"Elaura" setgħet titlaq minn ħdejn il-"Vallesina" mingħajr ma l-ekwipaġġ tal-"Vallesina" jneħħi l-ħbula.

Fl-osservazzjonijiet tiegħu jgħid li ma saret l-ebda spezzjoni fuq il-ħbula tal-vapuri. Isostni li l-probabilita' hi li l-ħbula tqaċċtu minħabba t-tensjoni kkawżata bil-moviment tal-vapur u l-fatt li l-ħbula ma jieħdux toqol indaqs, jew inkella minħabba l-istat tal-ħbula, li ħadd ma kkummenta dwarhom.

Isostni li f'operazzjoni bħal dik iż-żewġ vapuri għandhom obbligu ta' diliġenza li jżommu kuntatt u osservazzjoni l-ħin kollu, liema mezzi jiġu maqbula qabel tibda' l-operazzjoni. Jgħid li l-Kaptan tal-"Elaura" kien qiegħed jsegwi s-sitwazzjoni u ra mal-ewwel li t-temp kien qed jiddeterjora. Jirriżulta li l-mezz ta' komunikazzjoni maqbul kien verbali u għalhekk bir-radio iżda jidher li l-Kaptan tal-"Elaura" ma rnexxielux jikkomunika mal-Kaptan tal-"Vallesina" u għalhekk kellu juża' s-sufara li għalhekk turi li lanqas l-ekwipaġġ ma kien qiegħed attent. Isostni li għalkemm hija r-responsabbilita' tal-vapur iż-żgħir li jersaq 'il bogħod mill-kbir, wieħed xorta kien jippretendi li l-ekwipaġġ ikun attent biex ineħħi l-ħbula. Jikkontendi li l-"Elaura" bl-ebda mod ma setgħet titlaq b'mod sikur jekk ma kienx hemm min ineħħi l-ħbula. Għalhekk isostni li l-Kaptan tal-"Elaura" ma setgħax jimmanuvra l-vapur 'il barra u filfatt ta ordni lill-ekwipaġġ tiegħu sabiex jaqtgħu l-ħbula. Oltre' minn hekk il-ħabel ma kellux tul biżżejjed sabiex ikun jista' jinqala' mill-ekwipaġġ tal-"Elaura".

Jgħid li sakemm l-ekwipaġġ tal-"Elaura" rnexxielhom jaqtgħu il-ħabel, kien diġa' ħabat mal-"Vallesina" darbtejn. Isostni li l-provi juru li l-"Elaura", l-ħbula tagħha, kienet qatgħathom u għalhekk l-ħabta seħħet minħabba l-ħabel marbut tal-"Vallesina" li baqa' marbut sew. Jikkontendi li anke kieku ngħata iktar tul ta' ħabel kien jevita l-inċident. Jispjega li kien biss meta nqata' dak il-ħabel li l-"Elaura" setgħet timmanuvra.

Isostni li kien ikun hemm xejn jew ftit li xejn vantaġġ kieku l-Kaptan tal-"Elaura" uża l-magna minħabba l-effett li kellu l-ħabel fuq il-vapur u l-qawwa tal-baħar. Ifakkar li l-proċedura kienet waħda t'emerġenza u għalhekk il-Kaptan tal-"Vallesina" kellu l-obbligu li jkollu l-ekwipaġġ lest.

In **kontro-eżami** jikkonferma li hu fuq il-"Vallesina" ma telax wara l-inċident, iżda jgħid li ġieli tela' fuqu u fuq vapuri bħalu. Jispjega li r-rapport tiegħu ħejjieh madwar sena wara l-inċident meta ġie nkarigat minn ditta ta' avukati li kienu għaddewlu numru ta' dokumenti.

Mistoqsi jekk l-ewwel ħabel li llaxka kienx dak tal-pruwa tal-"Vallesina", jgħid li kien l-ewwel li nqata' imbagħad l-oħrajn ħarġu 'l barra. Jgħid li dan seħħ minħabba li kien qed iħokk. Mistoqsi jekk jistax jagħti l-każ li dan inqata' minħabba li l-oħrajn illaxkaw, jgħid li jista' jkun iżda dan il-fatt ma ġie bl-ebda mod stabbilit. Jgħid li ċ-ċima tal-"Vallesina" kienet ta' mija u għoxrin (120) tunnellata u kienet tiflaħ il-piż waħedha. Jikkonferma li l-ħabel ma rahx. Jgħid li fejn inqatgħet eżatt iċ-ċima ma ġietx stabbilita u ma hemm ebda indikazzjoni. Jikkonferma li jista' jkun ukoll li l-ħabel ma kienx fi stat tajjeb.

Mistoqsi jekk meta l-"Elaura" safa' marbut biss mill-poppa, il-ħabel tal-"Vallesina" kienx laxk, jgħid li le stante li dak ma setax jiġi kkontrollat mill-"Elaura", li kienu llaxkaw iż-żewġ ħbula li kellhom kontroll fuqhom. Jgħid li kieku dak ġie llaxkat, il-probabilita' hija li xorta kien ikun hemm impatt iżda ma kienx jikkawża daqshekk ħsara. Jgħid li l-ħabel li ġew mill-"Vallesina" lanqas kif *slekjat* biżżejjed biex l-ekwipaġġ tal-"Elaura" jkun jista' jaqilgħu u dana minħabba l-fatt li trid ċertu forza u hija żona perikoluża stante li jista' jinqata' f'daqqa u b'forza kbira u dana kollu waqt li l-vapur tiela' u nieżel bil-mewġ. Mistoqsi jekk fil-frattemp il-Kaptan tal-"Elaura" setax jibda l-magna u jagħfas 'il quddiem, jgħid li ma setax isir dan minħabba li l-vapur kien marbut. Jispjega li l-"Vallesina" huwa vapur ukoll u mhux art soda, jgħid li jekk ma jaqdifx fl-angolu t-tajjeb xorta kien hemm ċans kbir li ċ-ċimi ma jinqatgħux. Jgħid li l-istess nuqqas ta' *slack* ma kinitx tħalli lil "Elaura" titbiegħed. Jispjega li l-psikoloġija tal-vapur iż-żgħir hija ferm differenti minn dik tal-vapur il-kbir li l-effett tal-maltemp fuqhom jaffettwa b'mod divers ħafna. Iżid li dan kompla jiggrava bil-fatt li l-Kaptan tal-"Elaura" ma setax jistabilixxi kuntatt ma' dak tal-"Vallesina".

Mistoqsi jekk hux possibli li l-ekwipaġġ tal-"Vallesina" kien fil-fatt preżenti u l-Kaptan tal-"Elaura" ma rahomx minħabba d-distanza vertikali, jgħid li dan huwa possibli iżda l-punt tiegħu hu li kellha bżonn tingħata ordni sabiex jiġi illaxkat il-ħabel tal-"Vallesina", liema ordni m'ingħatatx. Jikkonferma li l-magna tal-"Elaura" ma kinitx startjata f'dak il-punt, iżda kienet *on stand-by* u anke l-inġinier kien lest fil-*control room*. Jgħid li tixgħel il-magna u ssuq ma kinitx ser tkun biżżejjed biex taqta' ċ-ċima. Mistoqsi jekk dan kienx jirbaħ il-ħin u jevita l-impatt, jgħid li diffiċli minħabba n-nuqqas ta' *slack*.

F'**ri-eżami** jikkonferma li dak li kellha bżonn l-"Elaura" fiċ-ċirkostanzi kienet li xi ħadd jerħiha minn fuq il-"Vallesina".

Fl-affidavit tiegħu, **Volodymyr Levytsky** jgħid li qabel l-inċident kien ilu jaħdem fuq l-"Elaura" mis-sena 2012 bħala *Chief Engineer* u għalhekk kellu esperjenza f'*bunkering* lokali u kien ilu baħħar għall-aħħar tlieta u għoxrin (23) sena.

Jispjega li fil-bidu tal-operazzjoni, x-xellug tal-"Elaura" kien mal-lemin tal-"Vallesina" u ntrabtet mal-"Vallesina". Jgħid li l-*bunkering* beda f'nofs in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu u baqa' għaddej sa ftit wara l-erbgħa ta' wara nofs in-nhar meta twaqqaf minħabba t-temp. Jgħid li kien mitlub mill-Kaptan sabiex ikun għassa mal-magna. Jispjega li dakinhar kien qiegħed fil-kamra tal-magni.

Jgħid li meta twaqqfet l-operazzjoni tal-*bunkering*, il-kaptan talab li tiġi startjata l-magna prinċipali u dan seħħ f'żewġ (2) minuti. Jispjega li l-magna prinċipali taħdem b'*marine gasoil* li permezz tiegħu tixgħel malajr. Oltre' minn hekk jgħid li l-"Elaura" għandha skrun b'*pitch* kontrollabli li jfisser li timmanuvra faċilment li jfisser li timxi malajr. Isostni li meta seħħ l-impatt, l-"Elaura" kienet *pitching* fil-baħar qawwi f'direzzjoni vertikali.

In **kontro-eżami** hu jikkonferma li dakinhar tal-inċident, tul l-operazzjoni kollha hu kien fil-kamra tal-magni b'hekk hu ma rax id-distanza bejn iż-żewġ vapuri. Jikkonferma li l-kaptan kien jinsab fuq il-*bridge*. Mistoqsi jekk hux normali li l-magna tkun mitfija waqt *bunkering* jgħid li iva. Jgħid li hu xegħel il-magna meta ġie mitlub jagħmel dan. Jgħid li l-magna kienet ilha mixgħula madwar siegħa meta nqata' l-ħabel.

Fl-affidavit tiegħu, **Eric Grima** jikkonferma l-awtentiċita' u l-kontenut tad-dokumenti mmarkati C u D annessi mal-kontro-talba.

In **kontro-eżami** jgħid li hu *Ship Master*. Jikkonferma li hu ħa r-ritratti tal-"Elaura" l-għada tal-inċident. Mistoqsi dwar l-użu tar-ritratti, jgħid li ntużaw mill-Kaptan. Jgħid li hu impjegat ma Gaulos Shipping Co Ltd li kienet il-*management company* li kienet tieħu ħsieb il-vapur *de quo* u huwa kien il-persuna responsabbli fuq l-art. Jgħid li hu ġie nkarigat jagħmel ir-rapport mill-istess kumpanija għax huwa parti minn xogħolu li meta jkun hemm inċident jinvestiga.

Jispjega li l-lista tal-ispejjeż tirrifletti l-ispejjeż li saru sabiex issewwiet il-ħsara li kien hemm. Mistoqsi jekk kellux ma' xiex jikkompara l-istat tal-vapur kif kien qabel, jgħid li huma bħala kumpanija kull ħsara tiġi reġistrata u b'hekk il-ħsarat rapportati huma dawk li seħħew bl-inċident in kwistjoni.

### Ikkunsidrat ulterjorment

Illi mis-**<u>sottomissjonijiet</u>** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

L-**attur noe.** fl-analiżi tiegħu tal-fatti jissottometti li ġie stabbilit li waqt li l-"Vallesina" kienet qed tirċievi s-servizz tal-*bunkering* mingħand l-"Elaura", il-kaptan tal-"Elaura" nforma lill-kaptan tal-"Vallesina" li kien ser iwaqqaf l-operazzjoni minħabba t-temp u billi l-pruwa tal-"Elaura" kienet qed togħla u

tinżel b'mod perikoluż, kellha titbiegħed mill-"Vallesina", iżda l-magni tagħha kienu mitfija u għalhekk ma setgħetx titbiegħed bil-konsegwenza li seħħ l-impatt.

Ifakkar li tul l-operazzjoni u meta beda l-*unmooring,* il-"Vallesina" ma kinitx qed tiċċaqlaq wisq stante li kienet ankrata tul il-proċess kollu. Iżid illi l-fatt li l-"Vallesina" hija bastiment ferm akbar għen ukoll biex din ma tiċċaqlaqx. B'hekk jemfasizza li r-responsabilita' tal-manuvra u tluq sigur kien esklussivament f'idejn l-"Elaura" u filfatt anke l-liġi marittima titfa' r-responsabbilita' fuq il-bastiment li qiegħed jitbiegħed.

Jinsistu li l-fattur ewlieni li minħabba fih seħħ l-inċident kien in-nuqqas tal-"Elaura" li tixgħel il-magna prinċipali. Oltre' minn hekk, isostni li l-ħabel ta' quddiem tal-"Vallesina" inqata' propju għax il-ħbula ġejjin mill-"Elaura" bdew jerħu u b'hekk it-toqol kollu ġie fuq il-ħabel tal-"Vallesina" li ma setax ikompli jirreżisti il-piż u l-moviment li seħħ minħabba l-mewġ. Madanakollu, jirreferu għax-xhieda tal-espert Kaptan Joe Gabriele fejn dan qal li l-kwistjoni tal-ħbula hija l-inqas fattur relevanti għall-każ.

Jinsisti li kieku l-"Elaura" użat il-magna u t-tmun b'mod adegwat, il-ħabta kienet tiġi evitata u dana stante li l-ħabel kien jissika ftit u forsi anke jinqata' iżda l-fatt li seħħet il-ħabta u wara seħħ it-tieni impatt juri b'mod ċar li l-magna ma kinitx qed tintuża. Iżid li fit-teżi tal-espert Kaptan Joe Gabriele l-*islacking* sar min-naħa tal-"Elaura" stante li t-truf tal-ħbula kien għadhom imqabbda mal-"Vallesina" u għalhekk kien impossibli li dan sar min-naħa tal-"Vallesina" u kien propju dan li wassal sabiex jitqaċċtu. Jinnega għal kollox is-suġġeriment li l-ħbula tal-"Vallesina" ma kinux fi stat tajjeb, stante li ġie ppruvat mod ieħor u ċioe' li kienet saret spezzjoni regolari ftit qabel.

Jemfasizza li fit-teżi tal-Kaptan Joe Gabriele l-fattur ewlieni li wassal għall-inċident kien in-nuqqas t'użu tal-magna mentri liema ħbula inqatgħu l-ewwel u kif huma fatturi sekondarji għal fatt li l-kolliżżjoni setgħet tiġi evitata bl-użu adegwat tal-magna tal-Elaura.

Jirrespinġi t-teżi tal-konvenut li l-ħabta seħħet minħabba li ma kienx hemm membri tal-ekwipaġġ fuq il-"Vallesina" lesti biex jassistu billi jħollu l-*istern lines*. Isostni li bħala stat ta' fatt membri tal-ekwipaġġ kienu preżenti u lesti biex jgħinu hekk kif ikkonfermat minn Deppendra Singh fix-xhieda tiegħu. Jikkontendi li hu possibli li l-membri tal-ekwipaġġ tal-"Elaura" ma rawx lill-membri tal-ekwipaġġ tal-"Vallesina" minħabba li kienet ħafna iktar fl-għoli. Madanakollu, jinsisti għal darb'oħra li l-Kaptan tal-"Elaura" kellu jordna lill-ekwipaġġ tiegħu ma joqgħodx fuq id-*deck* u jistartja l-magna u jikkontrolla l-poppa b'dak il-mod.

Mill-att legali, l-attur noe jeċċepixxi n-nullita' tal-kontro-talba stante n-nuqqas ta' dikjarazzjoni f'dak is-sens fir-risposta *ai termini* tal-Artikolu 396 tal-Kap 12

tal-Liġijiet ta' Malta. Jinsisti li dan huwa rekwiżit *ad validatem* u għalhekk il-kontro-talba għandha titqies irrita u nulla.

Fir-rigward tar-responsabilita' tal-kolliżjoni, l-attur noe jfakkar li l-"Vallesina" kien wieqaf/ankrat. Isostni li huwa mistenni illi f'maltemp min hu responsabbli li jagħti l-*bunkering* għandu jaċċerta ruħu li l-vapur hu marbut b'tali mod li jiflaħ għall-operazzjoni ma' vapur ħafna ikbar u li ma jiċċaqlaqx u għalhekk l-irbit irid ikun addattat. Jgħid li r-riħ qawwi ma kienx imprevist u oltre' minn hekk baħħar għandu dejjem ikun preparat għal dik iċ-ċirkostanza.

Jinsisti li dak li wassal għall-inċident kien propju n-nuqqas ta' prudenza, diliġenza u ħsieb tal-ekwipaġġ tal-"Elaura". Jirreferi għal prinċipju marittimu u anke għall-kawża fl-ismijiet **Shell and BP South African Petroleum Refineries (Pty) Ltd vs Osborne Panama SA 1980 (3) SA (D)** fejn jingħad li l-presunzjoni tal-ħtija meta vapur minnhom huwa wieqaf hi li r-responsabbilita' u l-ħtija tappartjeni għal dak il-vapur li mhuwiex stazzjonarju. Isostnu li bastiment li jkun qed jiċċaqlaq għandu jiżgura li jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jevita kolliżjonijiet.

Finalment, għalhekk isostni li l-vapur konvenut għandu jiġi kkundannat iħallas id-danni sofferti mill-attur noe.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi da parti tiegħu l-**vapur konvenut** jibda billi jitratta l-kwistjoni tal-ħbula. Isostni li l-attur noe ma ġab ebda prova li l-ħabel ta' quddiem li kien ġej mill-"Vallesina" nqata' verament wara li ċedew il-ħbula ta' quddiem tal-"Elaura" u seta' nqata skont it-teżi tal-Kaptan espert Mario Grech minħabba li ħakk mal-ħadid tal-vapur.

Isostni li l-kaptan tal-"Elaura" ċertament li ma kienx negliġenti u dana minħabba li anke meta intrabbtu l-vapuri, hu kien ħa l-prekawzjonijiet meħtieġa minħabba r-riħ u talab żewġ ħbula addizzjonali mill-"Vallesina" għall-"Elaura". Oltre' minn hekk, kienet id-deċiżjoni tal-istess kaptan li waslet biex waqaf il-*bunkering*.

Jissottometti li ma hemm ebda prova li l-ħbula ta' quddiem tal-"Elaura" slekkjaw u barra minn hekk ma setax dan il-fatt ewlieni wassal għall-inċident minħabba l-fatt li kien hemm interventi oħra anke wara li seħħ dan li jinvolvu ż-żewġ vapuri, li qed jiġu njorati kompletament mill-attur noe.

Jinsistu li l-ekwipaġġ tal-"Vallesina" huwa assenti kompletament u jidher li lanqas kien fil-post sabiex jassisti. Isostni li hu ma kienx f'pożizzjoni li jagħmel manuvri ta' tluq sikur meta hu kien għadu marbut mal-"Vallesina" u l-unika mod li seta' jinħall kien billi l-ekwipaġġ tal-"Vallesina" jislekkja l-ħbula, liema miżura ma kienx preżenti sabiex jieħu. Jgħid li l-ekwipaġġ tal-"Vallesina" mhux biss kienu obbligati jaġixxu imma setgħu jaġixxu sabiex jgħinu s-

sitwazzjoni. Jinsisti għalhekk li flok taw '*a positive and immediate response*,' huma baqgħu passivi u qatt ma riċivew ordni biex jillaxkaw iċ-ċima, liema ordni wieħed kien jippretendi li l-kaptan tal-"Vallesina" kellu jagħti, sabiex tiġi evitata kolliżjoni. Jirrespinġu s-suġġeriment tal-attur noe li l-ħabta kienet tiġi evitata għal kollox bl-użu tal-magna tal-"Elaura" u dana stante li l-bastimenti kienu ħafna aktar viċin ta' xulxin, u dan minħabba li wieħed irid jieħu kunsiderazzjoni tal-għoli bejn il-vapuri, kif ukoll ma kienx hemm *slack* fil-ħbula.

Jagħmel aċċenn għall-fatt li dak li seħħ ma seħħx f'ċirkostanzi normali jew ta' kalma iżda fi stat t'emerġenza. F'dan il-każ jispjega li qiegħed 'il barra u b'kundizzjonijiet ta' baħar xejn favorevoli u fejn il-ħbula bdew jinqatgħu. B'hekk jikkontendi li wieħed ma jistax jagħmel '*blanket statement*' li r-responsabbilita' ta' tluq sikur taqa' fuq id-dgħajsa ż-żgħira.

Isostni li l-attur noe jagħmel wisq emfażi fuq il-magna mitfija tal-vapur konvenut li huwa normali li tkun mitfija waqt bunkering. Jemfasizza n-nuqqas ta' *duty of care* li wera l-attur noe u in sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjonijiet tal-Qrati Ingliżi fl-ismijiet **Bunga Melati Due vs The Owners of the Ship (2008) UKHL 12** deċiża mill-*House of Lords* fit-13 ta' Marzu 2008 u **MV Mahananda (2012) UKSC 15, 1 WLR 1055**.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni prelimari tal-attur noe dwar in-nullita tal-kontro-talba, jgħid li l-Artikolu 396 ma jitlob ebda dikjarazzjoni tal-kontro-talba fir-risposta ġuramentata kif qed jgħid l-attur noe Isostni li ma hemm ebda dubju li l-kontro talba hija marbuta mat-talba oriġinali u mxew mar-rekwiżiti tal-liġi. Oltre' minn hekk, l-attur noe ma sofra ebda preġudizzju anke jekk kien hemm nuqqas proċedurali. Tirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Richard Matrenza v l-Uffiċjal tal-Valutazzjoni ta' l-Artijiet et** deċiża fid-29 ta' April 2005.

Finalment, fir-rigward tat-talba għad-danni, jirreferi għall-provi miġjuba minnu li jinsabu in atti.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Magħrufa l-fatti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti issa ser tgħaddi biex tqis l-ewwel l-eċċezzjonijiet preliminari tal-partijiet:

## <u>Eċċezzjoni dwar l-interess ġuridiku tas-soċjeta' attriċi</u>

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, il-vapur konvenut jeċċepixxi li s-soċjeta' attriċi kellha tipprova l-interess ġuridiku tagħha fil-kawża odjerna.

Il-Qorti tinnota n-nota tal-bastiment konvenut li tinsab a fol 196 tal-proċess li permezz tagħha kienet l-istess eċċezzjoni. Għalhekk, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess eċċezzjoni.

**Eċċezzjoni dwar in-nullita' tal-kontro talba tal-Bastiment M/V Elaura**

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, ir-rikonvenzjonat noe. jeċċepixxi n-nullita' tal-kontro-talba stante li l-konvenut/rikonvenzjonant kellu jipproponi r-rikonvenzjoni fir-risposta ġuramentata.

Il-Qorti qieset l-**Artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid testwalment hekk:

> ***396.*** *Fil-kawżi, il-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*
>
> *(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkunġejja t-talba tal-attur; jew*
>
> *(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa lijpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull modieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxil-effetti tagħha.*

Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubbju li l-kontro-talba magħmula f'dawn il-proċeduri tirrigwarda l-istess fatt u fil-fatt tikkonċerna l-istess aċċident li seħħ bejn il-vapur li jappartjeni lis-soċjeta' attriċi/rikonvenzjonata u l-vapur konvenut/rikonvenzjonant li seħħ fit-3 ta' Novembru 2018.

L-ilment prinċipali tal-attur/rikonvenjonat noe huwa li l-kontro-talba kellha tiġi proposta fir-risposta ġuramentata ad validatem. Dwar il-forma u l-mod kif issir, il-Qorti tirreferi għall-Artikolu 398 li jgħid is-segwenti:

> ***398****.(1) Il-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni, għandu jagħmel il-kontro-talba tiegħu fir-risposta bil-miktub għar-rikors ġuramentat jew le.*
>
> *(2) Il-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali li jsiru kif meħtieġ bil-liġi; u l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba jħares, kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew.*
>
> *(3) Meta l-proċedimenti jkunu b'rikors ġuramentat, kontro-talba magħmula fir-risposta ġuramentata tkun tiswa daqs preżentatata' rikors ġuramentat dwar dik it-talba, li għandha tiġi notifikata lill-attur, li għandu jipproċedi daqslikieku kien il-konvenut dwarha; u f'kull każ bħal dan, l-egħluq tal-proċedimenti preliminari bil-miktub u l-applikazzjoni tal-artikoli 151 u 152 għandhom jibdew mal-*

*preżentata ta' dik ir-risposta ġuramentata mill-attur jew malli jagħlaq iż-żmien għall-preżentata tagħha.*

F'dan il-każ jirriżulta li, għalkemm huwa veru illi fir-risposta ġuramentata m'hemm l-ebda referenza għall-kontra-talba, ir-risposta ġuramentata u l-kontro-talba ġew ippreżentati f'daqqa u wara xulxin.

Il-Qorti għalkemm tqis li hemm sens ta' prattiċita' f'dak li qed jitlob l-attur noe u jkun avviż xieraq lill-attur sabiex jifhem illi jrid jirrispondi għal kontro-talba, pero' ma taqbilx mat-teżi proposta minnu li r-referenza għall-kontro talba fir-risposta hija *ad validatem*. Il-liġi dan ma tgħidux – u kull ma huwa rikjest bil-liġi proċedurali tagħna huwa illi *il-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni, għandu jagħmel il-kontro-talba tiegħu fir-risposta bil-miktub għar-rikors ġuramentat u li l-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali.* Il-Qorti għalhekk tqis illi osservati dawn iż-żewġ kundizzjonijiet, kif jirriżulta illi huma, allura il-kontro-talba hija ġuridikament sostenibbli u korretta, dejjem sakemm tinkwadra fil-parametri l-oħra hawn fuq diskussi.

**Għaldaqstant, din il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tar-rikonvenzjonat noe.**

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:**

Il-każ li għandha quddiemha l-Qorti jinvolvi inċident u ċioe' kolliżjoni bejn żewġ vapuri: il-"Vallesina", li tappartjeni lis-soċjeta' attriċi u l-vapur konvenut "Elaura", liema inċident seħħ fit-3 ta' Novembru 2018.

Il-fatti li wasslu sal-mument tal-inċident huma indisputati.

Jirriżulta li kien hemm *bunkering operation* li permezz tagħha l-konvenut "Elaura" kien qed jissupplixxi lill-"Vallesina" fl-ibħra territorjali Maltin.

Jirriżulta li ż-żewġ kaptani qabblu dwar kif kellhom joperaw u ż-żewġ vapuri li ntrabbtu ma' xulxin b'mod u manjiera li t-tnejn kienu qed iħarsu fl-istess direzzjoni u kienu paralleli għal xulxin b'tali mod li x-xellug (*port side*) tal-"Elaura" kien jiġi mal-lemin (*starboard side*) tal-"Vallesina".

Jirriżulta wkoll li hemm qbil dwar kif kienu marbutin iż-żewġ bastimenti ma' xulxin u ċioe', min-naħa tal-"Elaura", il-"Vallesina" rċeviet żewġ *headlines, forward spring line, aft spring line* u żewġ *sternlines* u mill-"Vallesina", l-"Elaura" rċeviet *headline* u *sternline.*

Jirriżulta ukoll li hemm qbil ukoll dwar il-fatt li l-*bunkering operation* bdiet madwar l-għaxra u nofs ta' fil-għodu (10:30hrs) u twaqqfet fl-erbgħa ta' wara nofsin-nhar (16:00hrs) minħabba deterjorament fit-temp.

Jirriżulta li kien hemm serje t'avvenimenti li wasslu finalment għall-kolliżjoni bejn il-vapuri u għalkemm forsi wieħed jieħu l-impressjoni li din xi ħaġa li ħadet fit-tul, fil-verita' l-avvenimenti kienu biss ta' ftit minuti u rriżultaw f'impatt bejn iż-żewġ vapuri li minnu ż-żewġ vapuri soffrew ħsarat.

Mill-analiżi tal-Qorti tal-fatti mressqa u s-sottomissjonijiet magħmula, jidher li hemm qbil anke dwar is-sekwenza tal-avvenimenti kif seħħew, iżda m'hemmx qbil dwar tliet fatturi li setgħu kienu kruċjali u ċioe':

1. Il-partijiet jaqblu li l-ewwel ħabel li inqata' kien dak li kien ħiereġ mill-"Vallesina" u kien qiegħed jorbot il-pruwa tal-vapuri - iżda m'hemmx qbil dwar ir-raġuni għaliex inqata'.

2. L-attur noe isostni li l-aċċident seħħ għax il-kaptan tal-"Elaura" ma mmanuvrax fil-ħin u b'mod prudenti sabiex jevita kolliżjoni, u fost oħrajn ma xegħelx il-magna prinċipali tal-vapur.

3. Il-vapur konvenut isostni li l-aċċident seħħ minħabba li l-ekwipaġġ tal-"Vallesina" ma kienx fuq il-post lest sabiex iħoll jew jerħi l-ħabel ta' wara tal-"Vallesina" u b'hekk l-"Elaura" ma setgħetx tiċċaqlaq kif riedet u tevita l-impatt.

Il-Qorti għalhekk ser qed tkun qed tanalizza dawn it-tliet fatturi. Iżda qabel tagħmel dan, il-Qorti jeħtieġ tqis il-prinċipju tar-responsabbilita' tal-partijiet meta hemm operazzjoni ta' *bunkering* b'żewġ bastimenti li huma marbuta ma' xulxin.

Il-Qorti tibda billi tosseva l-**International Regulations for Preventing Collisions at Sea (COLREGs)** jipprovdu li meta għandek operat simili kull vapur għandu r-responsabilita' jimmanuvra b'mod sabiex jevita kolliżjonijiet u ħsarat u t-tnejn għandhom *duty of care*, iżda l-vapur li qiegħed jimmanuvra għandu responsabilita' aktar li dan jagħmlu b'mod sikur. Dawn ir-Regolamenti kienu inkorporati fil-liġi Maltija bil-Liġi Sussidjarja 234.20.

Fir-rigward, il-Qorti ser tiċċita dak illi diġa' qalet kif diversament preseduta fis-sentenza għall-kawza **743/2019TA** fl-ismijiet **Alexander Agius vs Il-Basiment NS Koralle et.** tat-18 ta' Marzu 2021, fejn il-Qorti tat espożizzjoni sabiħa u dettaljata b'dan il-mod:

> *Iżda ladarba l-kolliżjoni odjerna saret bejn żewġ biċċiet tal-baħar fl-ibħra territorjali u nterni ta' Malta, l-azzjoni odjerna ttentata mis-socjetá attrici hija wkoll regolata bil-liġijiet marittimi taħt il-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta. Billi dawn il-liġijiet jikkostitwixxu legis specialis, huma jidderogaw mil-liġi ġenerali u ċioè mid-disposizzjonijiet tal-culpa aquiliana skont il-Kodiċi Ċivili (Ara Sentenza fl-ismijiet **Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila**, QA, tal-21 ta' Marzu 1997).*

*Bis-saħħa tal-vires mogħti lill-Ministru konċernat taħt l-artikolu 292(1) ta' dan il-kap. 234, daħħlu fis-seħħ permezz tal-**Avviż Legali 320 tal-2003 (L.S. 234.20)** regolamenti biex jiġu evitati kolliżjonijiet fuq il-baħar u fl-ibħra navigabbli, hemm imsejħa "ir-regolamenti dwar kolliżjoni".*

*Dawn ir-regolamenti dwar kolliżjoni, pubblikati biss bil-lingwa Ingliża, jinkorporaw fil-liġi Maltija l-Konvenzjoni fuq ir-Regolamenti Internazzjonali għal Prevenzjoni ta' Kolliżjonijiet fuq il-baħar ffirmata f'Londra fl-20 ta' Ottubru 1972 (COLREGs). F'dan ir-rigward tajjeb li jkun rilevat li dawn ir-regolamenti huma ta' tali importanza, li r-regola ġenerali hi, li f'kaz ta' inkonsistenza bejn l-imsemmija Konvenzjoni u l-liġi domestika, hija ta' l-ewwel li għandha tipprevali. Di fatti artikolu 5 ta' dawn ir-regolamenti espressament jiddisponi li "Save as provided for in these regulations where any provisions of any rules and regulations made under the Act are inconsistent with the provisions of the Collisions Convention, the provisions of that Convention shall, unless specifically provided for in such rules or regulations, apply." Il-Qorti tifhem, li dan l-artikolu huwa maħsub mhux biss biex l-Istat Malti jassumi l-obbligi internazzjonali tiegħu, iżda għaliex il-liġijiet domestiċi ta' bosta pajjizi mhux bil-fors huma l-istess. Dan qasam li huwa intrinsikamnet marbut mal-aspett internazzjonali, għalhekk il-Konvenzjoni ħasbet ukoll biex tintroduċi armonizazzjoni b'reġim legali li japplika b'uniformita' fost dawk il-pajjiżi firmatarji.*

*Skont ir-regola 1(a) ta' din il-Konvenzjoni, dawn ir-Regolamenti japplikaw biss għall-bastimenti kollha li jkunu qed ibaħħru fl-ibħra internazzjonali u fl-ilmijiet kollha konnessi magħhom.*

*Iżda sub-artikolu (2) tal-imsemmi artikolu 292 tal-Kap. 234, dawn jestendi l-effetti ta' dawn ir-regoalment u jiddisponi li "Ir-regoli dwar kolliżjoni, flimkien mad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att dwarhom jew li xort'oħra jirreferu għal kolliżjonijiet, <u>għandhom japplikaw għall-bastimenti maltin kollha u għandhom jiġu mħarsa wkoll mill-bastimenti barranin kollha fl-ibħra territorjali u nterni ta' Malta</u>, u f'kull kawża li tinqala' f'xi qorti ta' Malta dwar kwistjonijiet li jinqalgħu fl-imsemmija ibħra territorjali bastimenti barranin għandhom, safejn ikunu qed jiġu applikati r-regolamenti dwar kolliżjoni u dwar l-imsemmija dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jitqiesu bħala li huma bastimenti maltin." (Emfazi ta' din il-Qorti)*

*B'korrolarju ma' dan, irid jingħad ukoll li r-regolament 3(1) tal-imsemmija L.S.234.20 tistipula li "The Collisions Convention as may from time to time be in force, shall, ... <u>form part of and be enforceable as part of the Law of Malta and shall apply to all Maltese ships and to all other ships while they are in Maltese waters as determined by the said Convention</u>." Isegwi għalhekk li r-regolamenti taħt din il-L.S. 234.20 huma bla dubju applikabbli anke għall-bastimenti nvoluti fil-kolliżjoni mertu ta' din il-kawża.*

*Il-Kap. 234 ikompli jippreskrivi bis-saħħa tal-artikolu 293 (3) li "Jekk tiġi kawżata xi ħsara lil persuna jew proprjetà minn nuqqas ta' tħaris minn xi*

> *bastiment tar-regolamenti dwar kolliżjoni, <u>il-ħsara għandha titqies li saret bin-nuqqas volontarju tal-persuna inkarigata mill-gverta tal-bastiment f'dak il-ħin, kemm-il darba ma jiġix muri għas-sodisfazzjon tal-qorti li ċ-ċirkostanzi tal-każ kienu jeħtieġu li r-regolamenti ma jiġux imħarsa</u>." Din il-parti tal-liġi tindirizza dik il-ħsara tiġi kkawżata minħabba neċessita' attwali.*
>
> *Iżda insibu ukoll li skont is-sub-artikolu (4), "**Ebda ħaġa fis-subartikolu (3) ma tolqot xi responsabbiltà tas-sid tal-bastiment għal ħsara**." Dan is-sub-artikolu (4) għalhekk ma jnehhi xejn mir-regola ġenerali stabbilita fl-artikolu 347 tal-istess Kap. 234 li "s-sid ta' bastiment ikun responsabbli ... għal kull danni li jiġru b'għemil jew b'nuqqasijiet fin-navigazzjoni jew fit-tmexxija tal-bastiment." F'dan ir-rigward l-awturi jgħallmu li "In most instances, collisions result from the negligence of the crew. The shipowner will be vicariously liable for such negligence, as the crew are its employees. The shipowner will remain responsible for the crew's defaults unless they can be said to constitute a 'frolic of their own', so taking their conduct outside the remit of their employment." (**Simon Baughen, Shipping Law**, **3 rd Ed, Cavendish Publishing, pg 273.**)*
>
> *Inoltre, bastiment potenzjalment responsabbli għal ħsara kkawżata minn din il-kolliżjoni, igawdi mid-dritt li jillimita r-responsabbiltá tiegħu bil-mod kif provdut fir-Regolamenti dwar Bastimenti Merkantili – Limitation of Liability for Maritime Claims, L.S. 234.16. Ir-regolamenti taħt din il-L.S. jikkonferixxu fuq kwalunkwe bastiment id-dritt li jillimita r-responsabbiltá għal talbiet marittimi. Dan billi jagħti s-saħħa ta' liġi lil dawk il-provedimenti tal-Konvenzjoni dwar Limitazzjoni ta' Responsabbiltà għal Talbiet Marittimi ffirmata f'Londra fid-19 ta' Novembru, 1976 msemmija fl-iskeda (ara regolament 4 of 5 tal-L.S. 234.16).*

Il-Qorti ma għandha xejn xi żżid ma' dan l-insenjament, għajr li tagħmlu tagħha.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva ukoll li l-Qorti Ingliża, fil-każ **The Bow Spring (2004) EWCA Civ 1007,** li kienet tinvolvi ħabta bejn żewġ vapuri waqt *ship-to-ship operation* – stabbiliet illi l-bastiment li qed jimmanuvra għandu r-responsabilita' primarja li jevita li jikkawża ħsarat. Isegwi li meta vapur minnhom huwa stazzjonarju u l-ieħor qiegħed jiċċaqlaq, huwa dak li qed jiċċaqlaq li ħafna drabi għandu responsabbilita' akbar jekk iseħħ impatt.

Tosserva wkoll id-deċiżjoni fl-ismijiet **Wake-Walker v SS Colin W Ltd (1937) UKPC 49,** fejn il-Qorti stabbiliet li hemm presunzjoni ta' responsabilita' meta vapur li qiegħed jimmanuvra jaħbat f'wieħed li hu wieqaf. Fil-każ partikolari HMS Dragon ħabat ma' *oil bunkering steamer* bl-isem Maplebranch li kien marbut u għalhekk il-Qorti ddeċidiet li dak il-vapur li kien qiegħed jimmanuvra kellu jġib il-prova li l-kolliżjoni ma seħħitx minħabba n-negliġenza tiegħu,

liema prinċipju huwa relevanti ħafna f'sitwazzjoni bħal dik li għandha l-Qorti quddiema llum.

Il-Qrati Ingliżi f'dawn il-każijiet jagħtu importanza wkoll lill-kunċett ta' *foreseeability* - liema kunċett jissemma l-ewwel darba fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Overseas Tankship (UK) Ltd v Morts Dock & Engineering Co Ltd (The Wagon Mound No. 1) [1961] AC 388**. Meqjus bħala *landmark judgement*, il-każ kien jinvolvi żejt li ġie mormi minn vapur bl-isem Wagon Mound li qabad u kkawża ħsara estensiva fil-Port ta' Sydney. Il-*Privy Council* kien wasal għad-deċiżjoni li:

> *The essential factor in determining liability is whether the damage is of such a kind as the reasonable man should have foreseen.*

Il-kunċett imbagħad kompla jiġi żviluppat fid-deċiżjoni fl-ismijiet**: Overseas Tankship (UK) Ltd v The Miller Steamship Co (The Wagon Mound No. 2) [1966] 2 All ER 709** fejn il-*Privy Council* ikkonkluda li:

> *A person must be regarded as negligent if he does not take steps to eliminate a risk which he knows or ought to know is a real risk and not a mere possibility which would never influence the mind of a reasonable man.*

Il-Qorti tosserva wkoll il-każ fl-ismijiet **Humber Oil Terminals Trustee Ltd v Harbour and General Works (Stevin) Ltd [1991]** fejn il-Qorti tal-Appell Ingliża kellha tikkunsidra l-*foreseeability of harm* f'kuntest ta' kostruzzjoni viċin *oil terminals*, liema riskju l-Qorti waslet għall-konklużjoni li:

> *If the type of harm is foreseeable, even if the exact manner is not, liability may still arise.*

Il-prinċipju ta' *foreseeability* jitqies li huwa applikabbli wkoll f'operazzjonijiet ta' *bunkering* fejn hemm irmiġġ mhux adegwat jew problema ta' komunikazzjoni.

Magħruf dan l-insenjament, il-Qorti tista issa tgħaddi biex teżamina l-fatti vis-a-vis il-prinċipji ċitati.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**<u>Il-Ħabel ta' quddiem li kien ġej mill-"Vallesina"</u>**

Kif ingħad, hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-fatt li l-ewwel ħabel li tqaċċat kien dak li kien ġej mill-"Vallesina" u li kien wieħed mit-tliet ħbula (t-tnejn l-oħra kienu ġejjin mill-"Elaura") li kienu qed jorbtu n-naħa ta' quddiem tal-vapuri.

In-nuqqas ta' qbil huwa dwar ir-raġuni għaliex dan il-ħabel inqata'. It-teżi tal-"Vallesina" hija li dan ċeda bit-tensjoni kreata bil-fatt li ż-żewġ ħbula l-oħra kienu llaxxkaw u għalhekk ġie jieħu l-piż kollu, mentri t-teżi tal-"Elaura" hija li

l-ħabel ma kienx fi stat tajjeb u oltre' minn hekk, li bit-tlugħ u nżul minħabba l-mewġ, beda jħokk mal-ħadid tal-vapur stess u terra u nqata'.

Il-Qorti qed tirreferi għal teżijiet kif mpostati minn esperti prodotti mill-partijiet, stante l-fatt li provi dwar il-ħbula kif tqaċċtu ma nġiebux. Fil-fatt il-kaptan espert Joe Gabriele, li kien l-unika wieħed li tela' fuq il-vapur meta dan iddaħħal Malta għat-tiswijiet, stqarr fix-xhieda tiegħu li m'eżaminax il-ħbula għax kien tal-fehma li dawn kienu rrelevanti għal dak li seħħ. Min-naħa l-oħra l-Kaptan espert Mario Grech ma telax fuq il-vapur u ċertament għalhekk li m'eżaminax il-ħbula.

Din il-Qorti ma tħossx li għandha tqis dan il-punt bħala irrelevanti għax wara kollox kien wieħed mill-ewwel stadji f'*chain of events* li wasslet għall-inċident. B'dana kollu hija tal-fehma, li anke fin-nuqqas ta' provi konkreti fir-rigward, li dan l-istadju partikolari u l-kundizzjoni tal-ħabel de quo ftit jista' jgħin lill-Qorti tattribwixxi responsabbilita' u għalhekk hija tal-fehma li biex tistabilixxi r-responsabilita', hija għandha aktar tiffoka fuq iż-żewġ fatturi l-oħra.

Fuq kollox, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, il-Qorti għandha għalfejn tippreżumi illi meta kien qed isir l-irbit fil-fażi inizjali u preparatorja tal-*bunkering process*, u allura fażi importanti fejn iż-żewġ bastimenti jkunu jew almenu suppost ikunu qed jaġixxu b'kawtela u diliġenza mhux lanqas billi josservaw illi qed jintużaw ħbula tajbin, l-ebda miż-żewġ bastimenti ma' ġibed l-attenzjoni illi xi ħabel seta' ma kienx tajjeb jew tajjeb biżżejjed.

## <u>In-nuqqas tal-Kaptan tal-M/V "Elaura" li jixgħel il-magna prinċipali</u>

L-attur noe, abbażi tar-rapport u l-opinjoni tal-espert Kaptan Joe Gabriele, huwa tal-fehma li l-inċident ma kienx iseħħ jekk kemm-il darba l-Kaptan tal-"Elaura" immanuvra bid-diliġenza li tippretendi sitwazzjoni bħala din u l-aktar importanti xegħel il-magna prinċipali f'ħin adegwat u konsegwentement kien ikollu kontroll aħjar tal-bastiment.

L-istess attur noe jagħmel emfażi partikolari fuq ir-responsabilita' attribwibbli lill-vapur li <u>ma jkunx</u> stazzjonarju f'sitwazzjonijiet meta l-vapuri jagħmlu operazzjonijiet simili. Huwa prinċipju assodat għalhekk li r-responsabbilita' primarja fis-sitwazzjoni kienet tal-M/V "Elaura" li ried jinħall u jiddistakka ruħu mill-"Vallesina" li kien ankrat. Il-Qorti għalhekk jeħtieġ tiddetermina jekk l-"Elaura" kienx negliġenti fil-manuvri tiegħu u speċifikament meta ma xegħelx il-magna prinċipali u konsegwentement kellu limitazzjonijiet fil-manuvrar tiegħu.

Il-Qorti tibda billi tosserva li meta bdiet l-operazzjoni, il-Kaptan tal-"Elaura" eżerċita d-diliġenża mistennija minnu u kien kawt u talab rinfurzar mill-"Vallesina" meta ġew biex jintrabtu l-vapuri ma' xulxin. Tajjeb li wieħed jinnota li meta bdiet l-operazzjoni, il-baħar kien diġa' mhux kalm u jidher li l-Kaptani

kienu ben konsapevoli li l-baħar kellu jitqawwa u għalhekk meta l-vapuri ntrabtu aċċertaw ruħhom li kienu marbutin sew.

Il-Qorti tinnota wkoll li l-Kaptani nvoluti kienu tal-istess nazzjonalita' u b'hekk ċertament li ma kienx hemm problema ta' komunikazzjoni bejniethom, almenu f'dik li hi *language barrier* u tant hu hekk li mix-xhieda ta' Deependra Singha jirriżulta li f'mument minnhom bdew jikkomunikaw bejniethom bil-lingwa materna tagħhom.

Dak li l-Qorti trid tikkonsidra huwa propju r-reazzjoni tal-Kaptan tal-"Elaura" f'mument partikolari meta kien hemm il-ħbula ta' quddiem li kienu qed jorbtu l-vapuri diġa' maqtugħin, u b'hekk il-mewġ beda jikkawża li l-"Elaura" ma tibqax bid-dritt l-"Vallesina" iżda tiġi f'angolu tant illi minn naħa ta' wara sar il-kuntatt bejn iż-żewġ vapuri. L-espert kaptan Joe Gabriele jinsisti li f'dak il-ħin l-"Elaura" kellu juża l-magna biex jimmanuvra.

Mix-xhieda jirriżulta li l-ordni biex tinxtegħel il-magna ngħatat, iżda l-inġinier li xehed li fil-fatt xegħel il-magna ma kienx f'pożizzjoni li jara x'qed jiġri barra u b'hekk mix-xhieda tiegħu ma jirriżultax il-ħin li nxtelgħet il-magna. Mill-banda l-oħra huwa fatt inkontestat li l-"Elaura" impatta mal-"Vallesina" darbtejn u ċioe' kien hemm impatt, inġibed mill-mewġ u reġa' kien hemm impatt.

Fil-fehma tal-Qorti dan juri li ma kienx hemm il-forza tal-magna tiġbdu 'l barra mill-vapur stazzjonat bejn impatt u ieħor, anke jekk kien hemm dejjem il-limitazzjonijiet tal-ħbula li kienu għadhom marbutin. Il-Qorti hawn tinnota li l-forza tar-riħ, kif jirriżulta mill-provi, kienet dik ta' forza ħamsa, forza li ċertament li magna ta' vapur kapaċi tmur kontriha. Għalhekk huwa ċar f'moħħ din il-Qorti li fil-mument tal-impatt, il-magna tal-"Elaura" kienet għadha mitfija.

Ulterjorment, l-inġinier tal-"Elaura" xehed li l-magna damet żewġ minuti biex xegħlet, li f'moħħ din il-Qorti jfisser li l-ordni tal-Kaptan sabiex il-magna tinxtgħel kienet waħda tardiva. Fl-*istatement of facts* tiegħu (a fol 83), il-kaptan tal-"Elaura" jindika li ta l-ordni sabiex tinxtegħel il-magna fl-erbgħa u tmien minuti (16.08hrs) u li kienet lesta sabiex tintuża fl-erbgħa u tlettax-il minuta (16:13hrs), ħames (5) minuti li kienu kruċjali.

Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li f'mument fejn il-ħbula bdew iċedu u l-vapur beda jieħu ċertu angolu u l-mewġ kien qed jimbotta fil-vapur bir-riħ li kien qed iżid fl-intensita', kien ċertament *foreseeable* għall-Kaptan tal-"Elaura" li kien ħa jkollu bżonn il-forza tal-magna qabel ma fil-fatt ta' l-ordni biex tinxtgħel, partikularment meta kien hu stess illi talab li l-operazzjoni tal-*bunkering* tieqaf.

Għalhekk din il-Qorti tqis li s-sitwazzjoni kienet prevedibbli u għalhekk il-Kaptan tal-"Elaura" kien negliġenti meta ma tax jew ta al piu' kien tard fl-ordni sabiex tinxtegħel il-magna tal-vapur.

**Għalhekk din il-Qorti tqis id-deċiżjoni tardiva tal-kaptan tal-Elaura" li jixgħel il-magna bħala waħda negliġenti u għalhekk tqis lill-bastiment**

**konvenut, sa fejn jirrigwarda dan il-fattur determinanti, bħala responsabbli għall-kolliżjoni li seħħet bejn iż-żewġ vapuri.**

**Dwar li l-ekwipaġġ tal-"Vallesina" ma kienx pront sabiex iħoll jew jillaxxka ċ-ċima li kienet qed toriġina minnu li kienet qed torbot in-naħa ta' wara tal-vapuri**

Il-bastiment konvenut a bażi tal-parir tal-espert Kaptan Mario Grech isostni li l-inċident seħħ minħabba li l-ekwipaġġ tal-"Vallesina" ma kienx pront u attent sabiex jillaxka u jħoll ċ-ċima li kienet toriġina mill-"Vallesina" u li kienet qed torbot il-poppa tal-bastimenti, in-naħa ta' wara tal-vapuri. Isostni li l-vapur finalment kien liberu biex jiċċaqlaq meta l-ekwipaġġ tal-"Elaura" rnexxielu jaqta' l-istess ċima.

L-espert tal-atturi l-Kaptan Joe Gabriele min-naħa l-oħra jikkontendi li dan kien pjuttost irrelevanti, għax l-"Elaura" kellu fiċ-ċirkostanzi jixgħel il-magna u jekk hemm bżonn iċ-ċima kienet tinqata' bil-moviment.

Il-Qorti fliet sew il-provi relatati ma' din il-parti tal-inċident u ma jirriżultalha bl-ebda mod li l-ekwipaġġ tal-"Vallesina" ma kienx pront u/jew ma kienx qed jirrispondi. Jirriżulta li kien hemm differenza fl-għoli bejn iż-żewġ vapuri u jista' jkun il-każ li fil-fatt l-ekwipaġġ tal-"Elaura" ma kienx u ma setax jara lill-ekwipaġġ tal-"Vallesina" kien biss peress li kienu aktar fil-baxx.

Il-Qorti tifhem ukoll, u dan ġie kkonfermat mill-espert Kaptan Mario Grech, li t-toqol taċ-ċima huwa wieħed mhux ta' min jiċċajta miegħu u jekk ċima tinqata' u tolqot bniedem, din tista' saħansitra toqtlu. Filfatt fir-rapport inizjali tiegħu dwar l-inċident il-Kaptan tal-"Elaura" indika s-segwenti (fol 79):

> *Apart from the damages sustained, this incident led to my vessel's crew in being put in a potential dangerous situation risking to be injured while letting go of the aft mooring ropes to avoid further damages.*

Il-konvenut jargumenta li ċ-ċima partikolari kienet qed iżżomm lil vapur b'mod li hu ma setgħax jersaq 'il quddiem, anke kieku xegħel il-magna. L-espert kaptan Joe Gabriele ma jaqbilx ma' dan ir-raġunament u saħansitra jgħid li s-saħħa tal-magna kien ikollha l-effett li taqta' hi ċ-ċima meta l-vapur jsuq 'il quddiem. Barra minn hekk fix-xhieda tiegħu x-xhud Deependra Singha li kkonferma li tul l-operazzjoni kollha kien jinsab fuq il-*bridge* tal-"Vallesina" u seta' jara kollox u jikkonferma li fil-fatt il-magna tal-"Elaura" xegħlet qabel mal-ħabel tal-"Vallesina" inqata' u l-kaptan tal-Elaura, f'dak il-punt kien diġa' beda jimmanuvra.

Il-Qorti b'hekk hija tal-istess fehma tal-espert kaptan Joe Gabriele u oltre' minn hekk anke jekk ma kinitx taqta' ċ-ċima, almenu kien ikollha l-effett li żżomm il-vapur milli jmur lura u jaħbat mal-"Vallesina". Fiċ-ċirkostanzi, bil-

magna mitfija u bl-angolu diġa' mdawwar l-"Elaura" ma kellu ebda forza li bija seta' jikkumbatti mal-forza tal-mewġ, bil-konsegwenza li nġarr mill-istess mewġ u ħabat fil-"Vallesina", li kienet wieqfa.

Oltre' minn hekk, din il-Qorti hija tal-fehma li anke kieku l-"Vallesina" llaxxkat jew ħallet iċ-ċima in kwistjoni bil-magna mitfija l-"Elaura" xorta waħda ma kienx ser jitbiegħed mill-"Vallesina" u l-impatt kien iseħħ bl-istess mod.

**Għalhekk din il-Qorti ma tqisx li l-kawża tal-impatt bejn l-"Vallesina" u l-"Elaura" huwa imputabbli għall-fatt li ċ-ċima li kienet ġejja mill-"Vallesina" u li kienet qed torbot il-vapuri fuq in-naħa ta' wara ma ġietx maħlula jew illaxkata mill-ekwipaġġ tal-"Vallesina".**

**Riżultat tal-fuq magħmula konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-fattur li wassal sabiex seħħ l-impatt bejn l-bastiment "Vallesina" u l-vapur "Elaura" fit-3 ta' Novembru 2018 huwa li l-kaptan tal-"Elaura" kien tardiv sabiex xegħel jew ta' l-ordni illi tinxtgħel il-magna tal-vapur tiegħu, liema azzjoni din il-Qorti tqis bħala waħda ta' negliġenza u li għalhekk timporta magħha responsabbilita' għall-inċident li seħħ.**

Dwar il-kwantum tad-danni din il-Qorti ma' għandiex wisq xi tgħid peress illi ma jidhirx illi kien hemm kontestazzjoni tal-quantum riklamat. Ir-rikorrenti noe ppreżenta prospett mar-rikors promotur (DOK C) li huwa ukoll sopportat b'dokumentazzjoni oħra, xhiedha u mhux lanqas rapport u ritratti tax-xogħolijiet riparatorji illi saru fuq il-"Vallesina".

In kwantu għar-risposta ġuramentata tal-"Elaura", jingħad illi huwa evidenti illi kienet ir-responsabbilita' illi kienet qed tiġi disputata, għajr it-talba biex id-danni jiġu ppruvati.

Il-Qorti tosserva ukoll illi ai finijiet ta' kontro-talba, il-vapur "Elaura" fil-fatt ugwalment straħ fuq prospett, dokumenti u xhiedha – preċiżament kif għamel ir-rikorrent noe.

Il-Qorti għalhekk ma ssib ebda raġuni għaliex ma' għandhiex tillikwida d-danni fis-somma kif riklamata mill-attur noe.

**Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni fl-ammont ta' mija u disgħa u disgħin elf, tmien mija u tnejn u sittin Ewro u tliet ċenteżmi (€199,862.03), kif jidher f'Dok C ippreżentat mill-attur noe mar-rikors promotur.**

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi għamlet l-apprezzament tagħha tal-provi miġjuba u għamlet il-konsiderazzjonijiet fattwali u legali tagħha kif hawn fuq jingħad, qed taqta' u tiddċciedi l-kawża billi:

1. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-vapur konvenut stante li ġiet irtirata.

2. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tal-attur/rikonvenzjonat noe. stante li l-kontro-talba hija waħda magħmula skont il-liġi.

3. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha l-oħra tal-konvenut.

4. **Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikonvenzjonant bastiment **"Elaura"** filwaqt li **tilqa'** l-eċċezzjonijiet kollha l-oħra tar-rikonvenzjonat noe.

5. **Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara** illi fit-3 ta' Novembru 2018, il-bastiment konvenut "Elaura" ħabat fil-bastiment "Vallesina" b'negliġenza, traskuraġni u imperizija imputabbli lill-istess bastiment konvenut "Elaura" u kkaġuna ħsara lill-"Vallesina".

6. **Tilqa' t-tieni talba attriċi u tillikwida** d-danni sofferti mill-attur noe fl-ammont ta' mija u disgħa u disgħin elf, tmien mija u tnejn u sittin Ewro u tlett ċenteżmi (€199,862.03).

7. **Tilqa' t-tielet talba attriċi u tikkundanna** lill-bastiment konvenut "Elaura" iħallas lill-attur nomine s-somma hekk likwidata ta' mija u disgħa u disgħin elf, tmien mija u tnejn u sittin Ewro u tlett ċenteżmi (€199,862.03) bl-imgħax legali dekorribli mid-data ta' din id-deċiżjoni sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjeż kollha, inkluż tal-kontro-talba għandhom jiġu sopportati mill-bastiment konvenut/rikonvenzjonant "Elaura", ħlief għall-ispejjeż tal-ewwel eċċezzjoni tar-rikonvenzjonat noe li għandhom jiġu sopportati minnu.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |